**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 168/2024**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Mohan Bharwani**

**Illum, 16 t' April, 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, **Mohan Bharwani,** ta' 57 sena, imwieled il-Furjana, Malta nhar l-10 ta' Awwissu 1966, detentur ta' żewġ passaporti Maltin bin-numri (Type-1) 1336420 u (Type-5) 1336111 u l-karta tal-Identità Maltija bin-numru **415366M**, akkuzat talli:

Hu mfittex mill-awtoritajiet kompetenti ġudizzjarji fl-Svezja, pajjiż skedat ai fini tal-Artikolu 5 tal-Ligi Sussidjarja 276.05, ghall-finijiet ta' prosekuzzjoni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti Istruttorja (Fl-Att dwar l-Estradizzjoni Msejha l-Qorti Rimandanti) ta' nhar is-**26 ta' Marzu 2024**, fejn il-Qorti ghal dawk ir-ragunijiet, ai termini tal-Ordni dwar Pajjizi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni (L.S. 276.05), ddecidiet li t-treggih lura ta' **Mohan Bharwani** lejn l-Isvezja **m'huwiex impedut** u ghalhekk, ai termini tar-Regolament 24 tal-Ordni msemmija:

1. Ordnat li **Mohan Bharwani** ghandu jinżamm taht kustodja fi stennija ghat-treggih lura lejn l-Isvezja, bhala pajjiż skedat minn fejn inhareg il-Mandat t'Arrest Ewropew odjern;

Skont ir-Regolament 25 tal-Ordni msemmija, moqri flimkien mal-Artikolu 16 tal-Att Dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276 tal-Ligijiet ta' Malta), il-Qorti infurmat lill-estradat li:

1. M'huwiex se jiġi mreġġa' lura lejn l-Isvezja qabel ma jgħaddu sebat' ijiem mid-data ta' din l-Ordni ta' kustodja;

2. Huwa għandu dritt li jinterponi appell minn din l-Ordni quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali; u

3. Jekk jidhirlu li xi wieħed mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) u (2) tal-Att dwar l-Estradizzjoni, (Kap. 276 tal-Liġijiet ta Malta), ġie miksur jew li xi dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) hija, tkun ġiet jew x'aktarx tkun sejra tiġi miksura dwar il-persuna tiegħu hekk li tkun ġustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-kustodja tal-Qorti, huwa għandu jedd jitlob rimedju skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea skont il-każ.

Ghall kull buon fini, il-Qorti b'din id-decizjoni rrevokat id-Digriet ghall-Helsien mill-Arrest moghti fil-konfront tal-estradat nhar is-7 ta' Marzu 2024.

Rat ir-rikors tal-appell mill-Ordni ghat-treggih lura ta' Mohan Bharwani, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-1 ta' April 2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha fl-ewwel lok tordna l-isflz tad-dokumenti kollha mressqa mill-prosekuzzjoni peress lli jippekkaw ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap. 276; u fit-tieni lok tirrevoka u thassar id-decizzjoni u l-Ordni ta' Treggija tal-Appellant lejn l-Isvezja *in toto*, tilqa' l-aggravji kollha u konsegwentement tichad it-Talba ta' Treggija

tal-Appellant lejn l-Isvezja u tordna r-rilaxx immedjat tieghu, u dan taht kull ordni jew provvediment li din l-Onorabli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

**L-appellant hass ruhu aggravat b'din id-decizzjoni jew ahjar Ordni ta' Treggih lura u interpona dan l-umli appell minn din id-decizzjoni.**

L-aggravji huma s-segwenti:

**L-EWWEL AGGRAVJU: L-ewwel Onorabbli Qorti kienet skorretta meta qieset li l-appellant huwa persuna akkuzata fl-Isvezja u konsegwentement il-procedura tal-Mandat tal-Arrest Ewropew kien applikabbli ghalih.**

L-Ewwel Onorabbli Qorti ddecidiet illi l-Mandat t'Arrest Ewropew fil-kaz odjern kien car, inekwivoku u fuq kollox mahrug korretament peress illi skont l-istess Qorti l-appellant kien *akkuzat* gewwa l-Isvezja. Fil-fatt il-Qorti fid-decizjoni qalet hekk:

> F'dan ir-rigward, il-Qort tagħmel ampja referenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti, diversament ippresjeduta fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Philip Mifsud**[1] fejn daħlet *in profundis* dwar it-tifsira tal-kelma akkużat. Għall-finijiet ta' brevità, din il-Qorti, filwaqt li tagħmel pjena referenza għal dak li jingħad fiha, ser tiċċita biss xi estratti brevi:
>
> *"(a) Kwantu ghat-tifsira tat-terminu "akkuzat", il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza In Re Ismail (Application for Writ of Habeas Corpus) (On Appeal From a Divisional Court of the Queen's Bench Division) moghtija fid-29 ta' Lulju 1998 fejn dawn il-Law Lords iddecidew li jilqghu l-Opinjoni ta' Lord Steyn dwar it-tifsira tat-terminu "accused" – ekwivalenti ghal accused fl-Ordni. Il-Qorti sejra ticcita testwalment minn din is-sentenza is-silta l-aktar rilevanti :*
>
> > *The meaning of "accused" person*

[1] **Il-Pulizija vs Philip Mifsud**, Qorti tal-Maġistrati fil-funzjoni ta' Qorti Rimandanti, 18 ta' Ottubru 2013 (Nru 911/2013).

...Omissis...

*Moreover, it is important to note that in England a prosecution may also be commenced if a custody officer decides that there is sufficient evidence to charge an arrested person and then proceeds to charge him: section 37 (7) of the Police and Criminal Evidence Act 1984; and see generally as to the commencement of prosecutions* ***Card, Cross and Jones, Criminal Law, 13th ed., (1995) Chapter 4****. Despite the fact that the prosecuting authorities and the court are not involved at that stage, the charging of an arrested person marks the beginning of a prosecution and the suspect becomes an "accused" person. And that is so even if the police continue to investigate afterwards."*

Illi fil-fehma tal-Qorti, Mohan Bharwani għandu jitqies bħala akkużat minkejja li ma jidhirx li ġew formalment preżentati l-akkużi fil-Qorti (għal-liema proċess, il-prosekutur Vrethammar ikkonferma li l-ewwel pass huwa li Bharwani jiġi notifikat formalment qabel ma jinġiebu l-akkużi l-Qorti) u b'hekk huwa jissodisfa wkoll il-kweżit meħtieġ mir-Regolament 59(1)(a) tal-Ordni.

Illi stabbilit dan kollu, il-Qorti ssib illi l-Mandat t'Arrest Ewropew odjern inħareġ propju għal raġunijiet ta' prosekuzzjoni u b'hekk jissodisfa il-kweżiti kemm tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Kwadru kif ukoll ir-Regolament 5(2) *et seq* tal-Ordni.

Il-Ligi Susidjarja 276.05 *Ordni Dwar Pajjizi Barranin Appuntati Dwar l-Estradizzjoni* tipprovdi li ordni ghat-treggih lura jista' jsir biss ai termini tar-regolament 59 jekk il-persuna rikjesta:

a) **Tkun akkużata** f'pajjiz skedat bl-ghemil ta' reat kostitwit minn dik l-imgieba, jew
b) Jiġi allegat li persuna tkun qeghda tiggerra barra kontra l-ligi wara li tkun instabet htija min qorti f'pajjiz skedat ta' reat kostitwit minn dik l-imgiebau ma tkunx inghatat sentenza ghal dak ir-reat (emfazi miżjud).

Fil-kaz odjern ma teżisti ebda sentenza ta' htija u ghalhekk il-Mandat ta' Arrest seta' jinhareg biss kemm-il dabra l-appellant huwa *akkużat* ġewwa l-Isvezja. Pero' *dato ma non concesso* li awturi Inglizi in materja huma rilevanti (ghal fini ta' Mandat ta' Arrest Ewropew u mhux ukoll l-estradizzjoni b'mod ġenerali) qari akkurat tas-sentenza

citata mill-ewwel Onorabbli Qorti tindika li persuna akkużata hija persuna li fil-konfront taghha gew intavolati akkużi/charges fil-Qorti u mhux qabel. Il-brann ser jiġi riprodott:

*Moreover, it is important to note that in England a prosecution may also be commenced if a custody officer decides that there is sufficient* ***evidence to charge an arrested person <u>and</u> then proceeds to charge him:*** *section 37(7) of the Police and Criminal Evidence Act 1984; and see generally as to the commencement o prosecutions Card, Cross and Jones, Criminal Law, 13th ed., (1995) Chapter 4. Despite the fact that the prosecuting authorities and the court are not involved at the stage,* ***<u>the charging</u> of an arrested person marksthe beginning of prosecution and the suspect becomes an 'accused' person.*** *And that iss o even if the police continue to investigate afterwords."*

Il-Mandat ta' Arrest seta jiġi eżegwit biss jekk l-appellant kellu *charges* fil-konfront tieghu l-Isvezja. Din il-provi ma setghax issir ghaliex charges *fl-Isvezja <u>ma jeżistux.</u>*

In sostenn ta' dan il-Mandat ta' Arrest Ewropew a folio 5, fil-parti narrattiva tispjega illi:

"The investigation regarding..." u

*"The investigation is well advanced..."*

Jirrizulta ghalhekk illi l-Isvezja hemm **biss** investigazzjoni. Id-dikjarazzjoni li saret mill-Prosekutur fil-Mandat ta' Arrest Ewropew, li serhet fuqha l-ewwel Onorabbli Qorti li *The arrest warrant is for prosecution and not for serving a sentence or merely investigation"* hija *<u>ghal kollox fallaci."</u>*

Din il-posizzjoni hija msahha bix-xhieda ta' l-espert legali prodott mid-difiza illi kkonferma bil-gurament kif ukoll in kontro-ezami:

> *"There is at this stage of the Swedish criminal proċess no ormal decision by the prosecutor to prosecute or indict Mohan Bharwani. Further, there is at this stage no certainties as to whether the prosecutor, when the preliminary investigation is completed, will go forwad with a prosecution against Mohan Bharwani."*

B'risposta ghal dan il-prosekuzzjoni ntavolaw "kjariment" mill-prosekutur Vrethammar. Dejjem minghajr preġudizzju ghall-isfilz tieghu, qed jiġi sottomess li l-kontenut tal-ittra jkompli juri li t-talba ghall-estradizzjoni mill-awtoritajiet. Svedizi ma jissodisfax id-dettami tal-atikolu 5(2) tal-L.S.276.05 stante li m'hix talba ghal arrest rilevanti ghal prosekuzzjoni. Illi fil-fatt din l-komunikzzjoni turi li Mohan Bharwani qed jiġi mitlub ghal-finijiet ta' <u>investigazzjoni ulterjuri</u> fil-pajjiz rikjedent u li l-akkuzi ghadhom ma nhargux. Illi dan huwa element fondamentali sabiex jista' jiġi esegwit Mandat t' Arrest Ewropew ġewwa Malta. Il-prosekutur Svediz jikkonferma li l-investigazzjoni ghadu fermament mifthu taht illi anke l-pesuna arrestata tista' titlob li jsiru aktar investigazzjonijiet **qabel** ma l-prosekutur jiddeċiedi li jressaq xi hadd il-Qorti:

> *'by this point the suspects will know what offences are being held against them and they can form their defence/**request additional investigative measures accordingly.'***(emfasi miżjuda)

Tant Bharwani ghadu biss investigat u m'hemmx akkużi fil-konfront tieghu li fl-ittra stess tal-prosekutur Vrethammar hemm:

> *'only when the pre-trial investigation is completed and all required investigative measure have been taken, **an indictment can be submitted to the court.'***

**Ghalhekk illum ma hemm ebda *indictment* u dan fi kliem il-prosekutur Svediz stess!**

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali per Imhallef C. Scerri Herrera fl-ismijiet ***Pulizija v Antonio Ricci*** tal-14.06.2019 (Appell Nru 138/2019) kellha l-okkazjoni telabora fuq id-differenza bejn x'jikkostitwixxi talba ghal-estradizzjoni ghal prosekuzzjoni (wanted

for prosecution) ghad-differenza ghal talba ghal aktar investigazzjoni (*wanted for further investigation);* Din is-sentenza li kienet tirrigwarda estradizzjoni lejn l-Italja ko-incidentalment tipparaguna s-sistema Taljana ma' dik Svediza li huma simili, u ticcita diversi sentenzi sentenzi ta' qrati tal-appell Maltin u dawk esteri, fejn allura spjegat li biex tissodisfa dan ir-rekwizit l-proceduri ta' investigazzjoni ghandhom ikunu maghluqa u li l-persuna ghandha tkun akkużata. Elaborati li jeżistu proċeduri ohra applikabbli senjatament dawk maghrufa bhala Ordni ta' Investigazzjoni Ewropeja (OIE). Illi s-sentenza fuq citata dwar dan tghid hekk: L-Aviz tal-Kummissjoni Ewropeja – Manwal dwar kif tohrog u teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew (2017/C335/01) li jistipula s-segwenti:

> *'.... MAE jista' jinhareg bil-ghan li titwettaq prosekuzzjoni kriminali fir-rigward ta' atti punibbli skont il-ligi domestika permezz ta' sentenza ta' priġunerija jew ordni ta' detenzjoni ghal perjodu massimu ta' mill-inqas 12-il xahar (l-artikolu 2(1) tad-Decizjoni Kwadru dwar l-MAE).'*
>
> *Dl-istess sezzjoni 2.1.1. hemm spjegat ukoll li 't-twettiq ta' prosekuzzjoni kriminali' jinkludi wkoll -istadju ta' qabel il-process ta' procediment kriminali. Madanakollu, l-iskop ta' MAE m'huwiex li jittrasferixxi xi persuni biss biex jiġu interrogati bhala persuni suspettati. Ghal dak il-ghan jistghu minflok jiġu kkunsidrati miżuri ohra, bhall-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea (OIE). Fit-Taqsima 2.5 hemm ippreżentati fil-qosor miżuri ohra ta' koperazzjoni ġudizzjarja.*

Illi f'dan il-kaz, l-ittra stess turi li ghad irid jinstema Mohan Bharwani bhala parti mill-investigazzjoni (li inċidentalment qatt hadd ma ghadu bghat ghalih), u kwindi id-decizjoni sabiex jiġi akkużat u ssir il-prosekuzzjoni semmai trid tittiehed wara li jkun instema. Altriment, dan l-ezercizzju li jinstema fl-investigazzjoni huwa biss farsa u raġuni ohra ghalhiex t-talba m'ghandiex tintlaqa'. Li Bharwani ghadu biss investigat u m'hemmx akkużi fil-konfront tieghu jemergi wkoll mill-ittra tal-prosekutur Vrethammar fejn jghid: *'only when the pre-trial investigation is completed and all required investigative measures have been taken, an indictment can be submitted to the court.'*

**Jirrizulta ghalhekk illi l-appellant ma hux persuna akkużata li ghandu jaffaccja prosekuzzjoni iżda merament persuna li qed tiġi investigata. Ghalhekk dan il-Mandat ta' Arrest Ewropew ghandu jiġi michud u l-Ordni ghat-Treggih lura mhassar u revokat.**

Illi ta' min iżomm preżenti illi l-ghan tad-direttiva relattiva huwa biss li jiffaċilita l-proceduri ta' estradizzjuoni bejn stati membri tal-UE stante li dawn huma proċeduri eccezzjoniali fejn stat qed jiġi mitlub iċedi persuna ghal-gurisdizzjoni ta' stat iehor bl-implikazzjonijiet kollha ghal dak li huma drittijiet fondamentali u sovranita' tal-istati membri li tramite l-awtoritajiet ġudizzjarji taghhom jibqaghlom l-obbligu li jissalvagwardjaw id-drittijiet tac-cittadini li jinstabu fil-gurisdizzjoni taghhom.

**IT-TIENI AGGRAVJU: Ic-certifikat mahrug mill-Avukat Generali ma jikkonfermax illi l-Awtorita' li harget il-mandat ta' Arrest Ewropew hija awtorita' ġudizzjarja kompetenti.**

L-ewwel Onorabbli Qorti kkonkludiet illi ai termini tar-Regolament 7 tal-Ligi Sussidjarja 276.05 ic-certifikat mahrug mill-Avukat Generali huwa konklussiv ghall-kontenut tieghu kif ukoll illi l-Qorti ma ghandhiex tissindika d-decizjoni tal-Avukat Generali.

Huwa mnnu illi hemm presunzjoni legali ta' konklussivita' fil-hrug tac-certifikat pero' l-ligi ma tindikax illi tali presunzjoni hija ta' konklussivita' fil-hrug tac-certifikat pero' l-ligi ma tindikax illi tali presunzjoni hija *pure et de jure*. Oltre dan ta' min ifakkar illi l-Avukat Generali ma tistax tkun taf di xjenza propja liema hi l-awtorita' **ġudizzjarja** kompetenti ghall-hrug ta' mandat Ewropew.

Id-difiza tissottometta li l-Mandat ta' Arrest Ewropew ma nharig minn awtorita' ġudizzjarja kif rikjest mill-ligi, u ghal turija ta' dan wiehed ghandu bżonn biss jghati daqa t'ghajn lejn il-*letterhead* tal-ittra ta' Vrethammar fejn hemm indikat li hu prosekutur fi hdan is-*Swedish Economic Crime Authority* u cioe' funzjoni tal-pulizija eżekuttiva. Ghalhekk il-fatt biss illi l-Avukat Generali harget ċertifikat ma jfissirx li dak huwa korrett u hija l-kompitu tal-Qorti li tassigura illi d-drittijiet ta' l-appellant

ikun mharsa li jinkludi c-certezza illi l-mandat inhareg korrettament fil-pajjiz rikjedenti.

Pero' aktar sorprendenti minn hekk, il-prosekuzzjoni ressqet xi dokumenti sabiex tiġġustifika l-hrug ta' ċertifikat! Allura gjaladarba li tressqu dawn il-provi, l-azzjoni tal-Avukat Generali sar wiehed sindikabbli. Jirrizulta illi l-Avukat enerali hareg ic-certifikat a bażi ta:

1. Estratt ta' kwestjonarju kompilat minn injoti u stampat mil-website tal-EJN;
2. Dokumenti ohra stampati minn injoti minn fuq xi website.
3. Ittra li ġiet stampata minn Dr Harris, liema ittra ma tafx minn u ghalfejn inkitbet u li hu kienet biss i*n copy;*

Dejjem minghjar preġudizzju ghall-isfilz ta' dawn id-dokumenti, dawn id-dokumenti ma jistghux qatt jaghtu ċertezza legali lill-Avukat Generali johrog xi ċertifikat. Ghalhekk ic-certifikat huwa difettuż u ma jistghax jitqies bhala konklussiv ghall-kontenut tieghu.

Pero *dato ma non convesso* li huwa konklussiv **żgur li ma jistghux jinghad li huwa konklussiv bhala prova illi l-Awtorita' rikjedenti ghandha l-Awtorita' tohrog mandat ta' Arrest Ewropew.**

Qari akkurat tac-certifikat jiddikjara illi l-Awtorita' ghandha s-setgha li tohrog 'mandat ta' arrest f'pajjizha'. Imkien ma hemm ċertifikat illi l-Awtorita' ghandha setgha li tohrog 'Mandat ta' Arrest Ewropew f'pajjizha'. Il-fatt illi l-Awtorita' ghandha fl-Isvezja l-awtorita' li tohrog Mandati ta' Arrest Ewropew.

Ghalhekk anke jekk ic-certifikat huwa wiehed validu, jippekka *ope legis* u l-Qorti ma setghat qatt ragjonevolment tkun konvinta illi l-Awtorita' rikjedenti f'dan il-kaz kellha l-awtorita' f'pajjizha li torhog **mandat ta' arrest Ewropew. Ghalhekk dan il-Mandat ta' Arrest Ewropew ghandu jiġi michud u l-Ordni ta' Treggih lura mhasar u revokat.**

**IT-TIELET AGGRAVJU: Parti mir-Reat sar f'Malta.**

Fid-decizjoni taghha l-ewwel Onorabbli Qorti wara li **ssottlinjat il-lanjanza tad-difiza li kienet imxekkla fid-difiza taghha ghaliex anke ghal dan il-punt kellha bżonn aċċess ghad-devices li gew elevati lill-appellant, b'cahda totali ghalihom jew kopja taghhom;** iddeċidiet li ma tressqet ebda prova sabiex issostni din is-sottomissjoni mid-difiza.

Id-difiza sostniet illi l-Ispettur Friggieri iddepona li l-awtoritajiet Svedizi hargu sia Mandat ta' Arrest Ewropew kif ukoll Ordna ta; Investigazzjoni Ewropea sabiex issir perkwiżizzjoni fid-dar u uffiċji tal-appellant u jiġu elevati dokumenti u devices li jinsabu f'Malta. Jidher li saret rikjesta simili addiritura mill-EPPO. B''kumbinazzjoni' dawn it-tlett mandati gew esegwiti fl-istess jum u fl-istess hin.

Il-fatt biss li saret perkwiżizzjoni u u fuq kollox **li nstabu dokumenti u devices rilevanti** ghall-investigazzjoni Svediza, hija ammissjoni mill-awtoritajiet Svedizi li xi haġa f'Malta saret.

Bid-differenza ta' l-ostakoli ta' l-estradizzjoni, id-definizzjoni ta' reat estradabbli huwa rekwiżit *ope legis.* Ifisser illi l-Qorti trid tkun konvinta li **ebda parti mir-reat sar f'Malta.**

Huwa ghalhekk inkombenti fuq il-prosekuzzjoni li turi dan il-fatt u mhux id-difiza ghaliex dan ir-rekwizit huwa wiehed *ad validitatem* ghat-treggih lura ta' l-appellant.

Aghar minn hekk il-prosekutur Vrethammar fil-Mandat ta' Arrest Ewropew jghid a fol 6 para jghid:

> *"the Money has subsequently... been transfered to bank accounts belonging to companies owen by Mohan Bharwani."*

**Il-prosekuzjoni ma ressqet ebda prova li turi li ebda parti mir-reat ma ġiex kommess f' Malta. Ghalhekk dan il-Mandat ta' Arrest Ewropew ghandu jiġi michud u l-Ordni ghat-Treggih lura jiġi mhassar u revokat.**

**IR-RABA AGGRAVJU: Trattament Inuman u Degradanti**

L-appellant ressaq l-ahhar rapport aġġornat dwar ic-centri ta' detenzjoni ġewwa l-Isvezja mhejja mill-Kunsill tal-Ewropa. Il-konkluzzjoni huwa car. Hemm problema **serja ta' sovvraffollament** ġewwa c-centri ta' detenzjoni. Ghal fini ta' paragun l-appellant ippreżenta l-istatistika miġbura fir-rapport u kkumparah ma' dak ta' Malta Filwaqt li f'Malta nisimghu dwar sovvraffollament, ir-rata hija dik ta' okkupazzjoni ta' ftit aktar minn 50%. Fl-Isvezja dan huwa 105%.

L-ewwel Onorabli Qorti a fol 17 tghid:

> *Illi mir-Rapport maħruġ mill-Kunsill tal-Ewropa ippreżentat mill-estradat jirriżulta illi l-istħarriġ tal-Kunsill tal-Ewropa hu bbażat fuq tlett faċilitajiet karċerarji, senjatament Helsingborg Remand Prison, Trelleborg Remand Prison u Ystad Remand Prison u l-konklużjonijiet raġġunti jirrigwardjaw dawn il-faċilitajiet. Dato ma non concesso li jista' jkun li hemm faċilitajiet oħra li qed isofru mill-istess sovraffular, ma tressqet ebda prova li l-estradati ser jinżamm f'xi wieħed minn dawn il-faċililtajiet hekk kolpiti bl-isovraffullar. Di più, ma tressqet ebda prova ta' xi riskju reali li Mohan Bharwani ser jsoffri minn trattament inuman jew degradanti. Ma tressqet ebda prova speċifika u reali li huwa se jkun soġġett għal riskju jew prova ta' intensità li teċċedi l-limitu inevitabbli ta' sofferenza inerenti fid-detenzjoni.*
>
> *Illi b'hekk, fil-fehma tal-Qorti, din is-sottomissjoni ma tilħaqx il-grad rikjest sabiex tħalli dak id-dubju li l-estradat ser ikun soġġett għal trattament inuman u degradanti jekk jitreġġa lura lejn l-Isvezja.*

Fl-ewwel lok l-ewwel Onorabbli Qorti kienet skorretta meta qieset illi l-problema ta' sovraffollament kienet biss limitata ghal tlett ċentri ta' dentenzjoni. Fil-fatt paragrafu 30 a fol 2 tar-rapport jinghad:

> *"Regrettably, overcrowding observed at Ystad Remand Prison* ***was not unique in the Swedish prison system;*** *in the recent years, it had begun affecting, to varying extents, numerous establishements for inmates on* ***remand throughout the country. 58"*** *(emfazi miżjuda)*

Il-footnote 58 taqra hekk:

> *"In their letter dated 13 January 2021, the Swedish authorities informed the CPT tha there was a shortge of approximately 600 places in remand prisons. The number of inmates had somewhat gone down by comparison with the period before the start of the Covid-19 pandemic but Cirectors of the three remand prisons visted were convinced that this was a temporary relief and that the problem would worsen agian after the pandemic."*

Jrrizulta ampjament illi hemm sovvraffollament fic-centri kollha ta' detenzjoni! Huma l-awtoritajiet Svedizi stess li jilmentaw illi hemm nuqqas ta' 600 mitt post u l-qaghada mistennija tehzien aktar! Sovraffollament fi stat ta' arrest huwa trattament inuman u degradanti. Li tikkonfirna persuna prezunta innoċenti f'post sovraffullat huwa inuman u degradanti!

Fuq kollox ma jista' jkun hemm ebda dubbju li l-appellant ser jkun miżmum taht arrest fl-Isvezja. *Del resto* diġà gie dikjarat bhala "flight risk" mill-prosekutur fl-Isvezja – jekk ma tridx qabel lanqas QATT ma baghat ghalih sal-lum biex ikellmu jew isir jaf min hu.

B'kull dovut rispett, in materja ta' drittijiet fundamentali tal-Bniedem ghandha tkun il-Qorti li tara li dawn jiġu salvagwardjati:

i. L-appellant ma ghandu l-ebda jedd jaghzel ic-centru ta' detenzjoni u jista' faċilment jitqieghed f'wiehed mic-centri vizitati fir-rapport.
ii. Dan fuq kollox hu rrilevanti ghaliex il-problema ta' sovvraffollament huwa ġenerali estiż tac-centri kollha.
iii. Hawnhekk il-prosekutur Vrethammar ma hareg ebda 'kjarifika' jew ta xi konfront bil-miktub li ser jinżamm fi stat, jew post li ma hux sovvrafollat.

Mela allura l-Qorti kif setghat tasal ghal konklużjoni li ma hux ser jkun hemm ksur ta' dritt fundamentali? Il-kuncett huwa rispett lejn dan id-dritt, u l-prevenzjoni taghha!

Gjaladarba b'mod oġġettiv ġiet riskontrata probablita' ta' lezzjoni (u l-possibilita' ta' lezzjoni gja tiskatta l-kompetenza tal-Qrati Maltin fi hdan il-Kostituzzjoni) il-Qorti kellha jew tottjena garanzija li dan ma hux ser isir jew tirrigetta t-treggija lura tal-appellant sakemm jinghataw il-garanzija idoneju.

**Ghalhekk dan il-Mandat ta' Arrest Ewropew ghandu jiġi michud u l-Ordni ta' Treggih lura ghandu jiġi mhassar u revokat.**

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali ghar-rikors tal-appell ta' Mohan Bharwani li ġiet intavolata fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar id-9 ta' April 2024 fejn dan irrileva illi:

Nhar is-sitta u ghoxrin ta' Marzu tas-sena Elfejn u erbgha u ghoxrin (2024) il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja (Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejjha 'L-Qorti Rimandanti') b'permezz ta' sentenza moghtija minnha, ordnat it-treggigh lura tal-appellant Mohan Bharwani lejn l-Isvezja.

Illi sussegwentement l-appellant kien appella min din id-deċiżjoni hawn fuq msemmija b'permezz ta' rikors tal-appell datat l-Ewwel (1) ta' April tas-sena Elfejn u Erbgħa u Għoxrin (2024) fejn talab lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti.

Illi fl-umli fehma tal-esponenti, is-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti hija ġusta u timmerita li tiġi konfermata.

Illi qabel ma jiġu ndirizzati l-aggravji kollha tal-appellant, l-esponenti ser tindirizza l-eċċezzjoni preliminari fejn l-appellant qiegħed jsostni li d-dokumenti kollha għajr il-Mandat ta' Arrest Ewropew għandhom jiġu dikjarati inammissibbli u konsegwentament sfilzati minħabba l-fatt li allegatament ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' l-artikolu 22(1) u (2) tal-Kap. 276 tal-Liġijiet ta' Malta.
Illi in vista ta' dan l-esponenti tirrimarka dan li ġej:

Illi skont **<u>Regolament 3 tal-Liġi Sussidjarja 276.05</u>**:

> *"**<u>Huma biss id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Ordni, salv jekk ma jiġix xort'oħra espressament indikat, li għandhom japplikaw għal talbiet li Malta tirċievi</u>** jew tagħmel fid-data rilevanti jew wara sabiex persuna kriminali maħruba titreġġa' lura lejn jew minn pajjiż skedat, jew biex persuni jitreġġgħu lura lejn Malta minn pajjiż skedat konformement ma' talba li ssir taħt dan l-Ordni, u d-dispożizzjonijiet tal-Att rilevanti għandu jkollhom effett dwar it-treġġigħ lura taħt dan l-Ordni ta' persuni lejn, jew dwar persuni mreġġgħin lura taħt dan l-Ordni minn, xi pajjiż skedat bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet, eċċezzjonijiet, adattamenti jew tibdiliet kif imsemmi f'dan l-Ordni."*

Illi dan ir-regolament jagħmilha ċara li fil-każ ta' treġġigħ lura lejn pajjiż skedat abbażi ta' mandat ta' arrest ewropew huma d-dispożizzjonijiet tal-Liġi Sussidjarja 276.05 li għandhom japplikaw, li hija liġi speċjali, għajr jekk ma jkunx xort'oħra espressament indikat. Fil-fatt, l-Ordni imkien ma tindika li r-regolament 22(1) u (2) li għalihom issir referenza fir-rikors tal-appell, huma applikabbli għal proċeduri ta' Mandat t'Arrest Ewropew. Li kieku l-formalitajiet rikjesti għall-estradizzjonijiet li jaqgħu taħt l-ambitu tal-Kap.276 kellhom japplikaw bl-istess mod għal mandati ta' arrest ewropej, l-skop ewlieni wara d-Deċiżjoni Kwadru ma jkunx intlaħaq. Fil-fatt, fil-Preambolu tad-Deċiżjoni Kwadru jingħad is-segwenti:

> *"(1) According to the Conclusions of the Tampere European Council of 15 and 16 October 1999, and in particular point 35 thereof**<u>, the formal extradition procedure should be abolished among the Member States</u>** in respect of persons who are fleeing from justice after having been finally sentenced and extradition procedures should be speeded up in respect of persons suspected of having committed an offence…"*

Illi għaldaqstant l-esponenti tiddikjara li r-rikorrent **<u>m'għandu l-ebda bażi legali</u>** sabiex jitlob l-isfilz tad-dokumenti li ġew preżentati mill-prosekuzzjoni matul il-proċeduri quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti.

Illi l-esponenti ser tgħaddi biex tindirizza l-aggravji li ġew sollevati mill-appellant fir-rikors tiegħu.

Illi **FL-EWWEL AGGRAVJU**, ir-rikorrent qajjem l-argument li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet skoretta meta qieset li l-appellant huwa persuna akkużat fl-Isvezja.

Fir-rigward ta' dan l-argument, l-esponenti tixtieq tirrimarka li l-interpretazzjoni tat-terminu '*akkużat*' ma għandiex tkun waħda limitata u restrinġenti. Il-proċedura tat-treġġigħ lura hija proċedura speċjali u tinneċessita' li tingħata interpretazzjoni li tinkludi konsiderazzjonijiet għal sistemi ġudizzjarji li għandhom tradizzjonijiet u proċeduri legali differenti.

Illi għal dan il-għan, l-esponenti tagħmel referenza għal dak li l-Qorti tal-Appell ikkunsidrat fis-sentenza bl-ismijiet Il-**Pulizija vs Philip Mifsud**:[2]

> *"...Din l-emenda tirreferi għal persuna imfittxija fil-pajjiż skedat "għall-finijiet ta' tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali..." u mhux kif qed jargumenta l-appellant "għat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali". **Dawk iż-żewġ kelmiet "għall-finijiet" jagħmlu d-differenza kollha. Filwaqt illi "tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali" tirreferi għal proċeduri kriminali ut sic, il-kliem "għall-finijiet ta' prosekuzzjoni kriminali" tirreferi għal dawk il-proċeduri kollha neċessarji preliminari illi għandhom jew jistgħu jwasslu għall-prosekuzzjoni kriminali.**[3] Dan kwindi jinkludi l-istadju preliminari meta persuna tkun indikata li tista' twieġeb għal xi reat kriminali.."*

Illi mill-Mandat ta' Arrest Ewropew innifsu, kif ukoll mid-dikjarazzjoni magħmula mill-Prosekutur Svediż li ħareġ l-imsemmi Mandat, jidher ċar illi l-iskop wara l-ħruġ tal-Mandat ta' Arrest Ewropew fil-kontront ta Mohan Bharwani kien dak li jittreġġa'

[2] Deċiża nhar is-23 ta' Lulju 2014
[3] Enfasi tal-esponenti

lura lejn l-Isveżja għall-finijiet ta' prosekuzzjoni. L-esponenti tagħmel referenza għal dak li stqarr il-prosekutur Svediż li jinsab a fol. 120 u 121, fejn huwa qal is-segwenti:

> *"**I have made a decision to charge Mr. Bharwani with the offences states in the EAW**. I have, after assessing the evidence in the case, made a decision on the offences that will be hold against him. I decided on the relevant offences prior to the issuing of the EAW. **And those relevant offences I decided on are those that Mr. Bharwani will be formally notified of as soon as he arrives in Sweden**. These relevant offences that I have decided on, together with the evidence supporting the existence of probable cause that Mr. Bharwani committed the offences, I have presented to Vastmanlands District Court and the Court issued a detention order for these offences. **It is my intention to prosecute Mr. Bharwani on these offences and bring him to trial**."*[4]

Illi jidher ampjament ċar li l-intenżjoni tal-prosekutur Svediż hi dik li la darba Mr Bharwani jitreġġa' lura, huwa ser ikun qiegħed jiġi formalment notifikat bl-akkużi li ser ikun qiegħed jaffaċja quddiem il-Qrati Svediżi. Huwa saljenti li f'każijiet bħal dawk odjerni wieħed iżomm f'moħħu d-differenzi fis-sistemi legal li hemm bejn pajjiż u ieħor, u għaldaqstant jifhem li mhux il-liġi nostrana hija dik li għandha tapplikka għal proċediment li ser jitmexxu barra minn xtutna.

Illi *di piu'*, l-esponenti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marco German,**[5] fejn il-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti Istruttorja (Fl-Att Dwar l-Estradizzjoni msejjħa l-Qorti Rimandanti) aċċennat fuq l-importanza li f'każijiet ta' ħruġ ta' Mandati t'Arrest Ewropej għandu jiġi mħares il-prinċipju ta' *mutual trust and mutual recognition'* fl-ispirtu ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri.

Illi, l-Qorti Rimandanti preseduta mill-Maġsitrat Dr Donatella Frendo Dimech tisħaq illi:

---

[4] Enfasi tal-esponenti

[5] Deċiża nhar is-26 ta' Ġunju 2023

*"Isegwi li ibbażat fuq il-prinċipju ta' mutual trust li huwa l-pedament għal mutual recognition ta strument legali fosthom il-MAE, fejn mutual recognition hi rikonoxxuta bħala l-ġebla tax-xewka tal-koperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, qalja Qorti Rimandanti tista' tissindika r-raġuni li għalih ikun inħareġ il-MAE.* ***Daqstant ieħor irid altru jkollha raġunijiet eċċezzjonali biex tiddeċiedi ma tisrieħ fuq xi dikjarazzjoni li tkun għamlet l-awtorita' ġudizzjarja emittenti, u senjatament dik li l-persuna tkun mfittxija sabiex titmexxa prosekuzzjoni kriminali fil-konfront tagħha****."*

Illi kif ingħad fil-każ **Il-Pulizija vs Ledjon Brakaj**,[6] *"Proċeduri bħal din li għandha quddiemha din il-Qorti, huma proċeduri partikolari ħafna għaliex jirrigwardja il-Mandat t'Arrest Ewropew. Il-Mandat t' Arrest Ewropew ħa post l-estradizzjoni bejn l-Istati Memberi u dan għaliex il-ħsieb warajh kien li jinħoloq mekkaniżmu mhux ibbażat fuq proċess politiku iżda fuq proċess ġudizzjarju msejjes fuq il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Memberi u r-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizjarji. Dan il-mandat huwa l-ewwel miżura konkreta fil-qasam tal-liġi kriminali li timplimenta l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku li l-Kunsill Ewropew irrefera għalih bħala 'cornerstone of judicial cooperation.' Il-Prinċipju wara l-Mandat t'Arrest Ewropoew huwa li persuni li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom għall-moviment ħieles bejn l-Istati Membri, huma mistennija li jirrispettaw il-liġijiet tat-territorju li jinsabu fih."*

Illi **FIT-TIENI AGGRAVJU**, ir-rikorrent jsostni li ċ-ċertifikat maħruġ mill-Avukat Ġenerali ma jikkonfermax illi l-Awtorita' li ħarġet il-mandat ta' Arrest Ewropew hija awtorita' ġudizzjarja kompetenti.

Illi fir-rigward ta' dan l-argument, l-appellant donnu mhux qiegħed jifhem dak li l-liġi tirrikjedi li l-Avukat Ġenerali għandha tiċċertifika f'instanżi ta' ħruġ ta' mandati ta' arrest ewropej. Il-kompitu tal-Avukat Ġenerali ai termini ta' Regolament 7 tal-Liġi

[6] Sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (per Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera) nhar is-17 t'Ottubru 2022

Sussidjarja 276.05 huwa li *" ...__**skond ma jkun jaħsibha hu personalment**__, joħroġ ċertifikat li juri li l-awtorita' li tkun ħarġet mandat taħt it-Taqsima II* __***ikollha l-funzjoni li toħroġ mandati ta' arrest fil-pajjiż rikjedenti u dan iċ-ċertifikat għandu jkun wieħed konklużiv f'dan li jkun juri***__*."*

Illi l-liġi tindika b'mod ċar dak li huwa rikjest li l-Avukat Ġenerali għandha tiċċertifika, u dan huwa li l-pajjiż li ħareġ il-mandat ta' arrest ewropej għandu l-funzjoni li joħroġ mandat ta' arrest f'dak il-pajjiż. Li kieku fiċ-ċertifikat maħruġ mill-Avukat Ġenerali kellu jkun hemm konferma li l-awtorita' li ħarġet tali mandat kienet awtorita' ġudizzjarja jew/ u li tali awtorita' kellha l-funżjoni li toħroġ mandati ta' arrest ewropej, dan kien ikun espressament indikat fil-liġi u għaldaqstant, li kieku kien hemm dan iċċertifikat, l-Avukat Ġenerali kienet tkun qed tmur ultra vires.

Illi, di piu', kif ben stabbilit fir-regolament fuq ċitat, iċ-ċertifikat maħruġ mill-Avukat Ġenerali għandu jkun konklużiv f'dak li jkun juri u ma għandu jqajjem l-ebda dubju fuq il-kompetenza tiegħu. Madankollu, u dan għal kull buon fini, l-esponenti tixtieq tirrimarka li l-appellant huwa kompletament żbaljat fil-konklużjoni tiegħu rigward it-tlett ċirkostanzi li allegatment l-Avukat Ġenerali ibbażat il-ħruġ taċ-ċertifikat.

Illi l-konferma neċessarja ġiet primarjament ottjentuta mid-desk Svediża tramite l-Aġenzija Eurojust qabel ma l-Avukat Ġenerali ħarġet iċ-ċertifikat fir-rigward tal-Mandat ta' Arrest Ewropew tal-każ odejrn.

Illi għaldaqstant, id-dokumenti li ġew preżentati mill-prosekuzzjoni matul il-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti kienu preżentati sabiex ikomplu jsaħħu dak li l-Avukat Ġenerali kienet diġa vverifikat mal-Awtoritajiet Svediżi u mhux dokumentazzjoni abbażi ta' xiex l-Avukat Ġenerali bbażat id-deċiżjoni tagħha.

Illi in oltre, l-esponenti tixtieq tagħmel referenza għax-xhieda tagħha ta' nhar is-sitta (6) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) li tinsab a fol. 44., fejn ġie enfasizzat illi Dok RS7, li huwa kopja tal-Ordni ta' detenzjoni maħruġa mill-

Vastmanland District Court fil-konfront tal-appellant, abbażi ta' liem Ordni l-Prosekutur Svediz setgħa joħroġ il-Mandat ta' Arrest Ewropew, huwa dokument li ġie riċevut mid-desk Svediża tramite l-Aġenzija Eurojust u mhux sempliċiment ittra li ġiet stampata. Għaldaqstant, il-fatt li l-esponenti kienet *in copy* fl-email ma jfissirx li dan id-dokument ma ġiex ottjenut b'mod leġittimu u skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 5(9) tal-ordni. Illi ġustament l-Ewwel Qorti għamlet referenza għal *Handbook on how to issue and execute a European Arrest Warrant*[7] fejn jingħad li:

> *" There are no specific rules in the Framework Decision on EAW on the forms of, or procedures for, communication following receiption of an EAW. Communication may be carried out by any available, sufficiently secure means (for example, telephone or e-mail)."*

Illi fir-rigward tal-argument li qed iqajjem l-appellant li l-awtorita' li ħarġet il-Mandat ta' Arrest Ewropew mijiex awtorita ġudizzjarja kompetenti sabiex toħroġ tali mandat, l-esponenti bir-rispett itenni li anke hawnhekk l-appellant huwa kompletament żbaljat. Kif ġie ritenut f'diversi sentenzi kemm lokali u anke dawk mill-Qrati Ewropej, f'instanzi ta' Mandati ta' Arrest Ewropej huwa saljenti li l-Istat li qiegħed jesegwixxi tali mandat għandu jagħmel distinzjoni bejn is-sistema legali tiegħu u dak tal-pajjiż rikjedenti u t-terminu '*issuing judicial authority*' m'għandux jiġi interpretat b'mod restrinġenti jew inkella skont definizzjonijiet applikabbli fi Stat Membru partikolari u dan għaliex dan il-kunċett huwa wieħed awtonomu fil-liġi tal-Unjoni Ewropeja.[8]

Illi fil-każ **C-509/18 PF**,[9] il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja enfasizzat li:

> *"The concept of an 'issuing judicial authority', within the meaning of Article 6(1) of Council Framework Decision 2002/584/JHA of 13 June 2002 on the European arrest warrant and the surrender procedures between Member States, as amended by Council*

[7] **Commission Notice – Handbook on how to issue and execute a European Arrest Warrant**, (C/2023/1270), datat 15 ta' Diċmebru 2023
[8] Vide d-dokument maħruġ mill-Eurojust – *case-law by the Court of Justice of the European Union on the European Arresr Warrant (15.03.2020)*
[9] Setenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja nhar is-27 ta' Mejju 2019

*Framework Decision 2009/299/JHA of 26 February 2009,* ***<u>must be interpreted as including the Prosecutor General of a Member State who, whilst institutionally independent from the judiciary, is responsible for the conduct of criminal prosecutions and whose legal position, in that Member State, affords him a guarantee of independence from the executive in connection with the issuing of a European arrest warrant</u>****."*[10]

Illi dan ġie ukoll ritenu fil-każ ta' **Assange v The Swedish Prosecution Authority,** [11] deċiż mill-Qorti Suprema tal-Ingilterra nhar it-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn intqal is-segwenti:

*Para 131.* ***<u>The fact that it is only a majority (and not all) of the Member States that the issuing judicial authority is a judge is not inconsistent with the existence of an agreement established by subsequent practice that a public prosecutor may be a judicial authority within the meaning of the Framework Decision.</u>***[12] *There is nothing to suggest that Member States which do not have public prosecutors as their issuing judicial authorities criticise those that do. More particularly, we have been shown no evidence that, until the present case, any executing state objected to surrendering a person on the grounds that the EAW was issued by a public prosecutor. In my view, this is a powerful evidence that even those Member States whose judicial authorities are judges acquiesce in EAWs being issued in other Member States by public prosecutors. That is a sufficient practice to establish agreement by the Member States.*

*....*

*Para 138. ... it is instructive to consider other instances where the term "judicial authority" has been adopted in other analogous EU instruments which (like the Frameword Decision) seek to further a system of "free movement of judicial decisions*

---

[10] Enfasi tal-esponenti
[11] [2012] UKSC 22 deċiż nhar it-30 ta' Mejju 2012
[12] Enfasi tal-esponenti

*... within an areas of freedom, security and justice": see recital 5 of the preamble to the Frameword Decision. Among the other Framework Decisions based on the Tampere Proposals (to which Lord Phillips refers at para 42 above) is the Council Framework Decision 2008/978/JHA of 18 December 2008 on the European Evidence Warrant ("EEW") for the purpose of obtaining objects, documents and data for use in proceedings in criminal matters. Recital 8 of the preamble sets out the meaning of "judicial authority" in these terms:*

> *"The principle of mutual recognition is based on a high level of confidence between Member States. In order to promote this confidence, this Framework Decision should contain important safeguards to protect fundamental rights. The EEW should therefore be issued only by judges, courts, investigating magistrates, public prosecutors and cerain other judicial authorities as defined by Member States in accordance with this Frameword Decision."*

*It goes on to provide at article 2:*

*(c) 'issuing authority' shall mean:*

*(i) a judge, a court, an investigating magistrate, a public prosecutor or*

*(ii) any other judicial authority….'*

Illi dan joħroġ ċar ukoll mill-każ **C-452/16**[13] fejn il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropeja qalet is-segwenti:

"32. It follows that the term 'judicial authority', contained in Article 6(1) of the Framework Decision, requires, throughout the Union, an autonomous and uniform interpretation, which, in accordance with the settled case-law of the Court, must take into account the terms of that provision, its context and the objective of the Framework Decision (see, by analogy, judgment of 28 July 2016, JZ, C-294/16 PPU, EU:C:2016:610, paragraph 37 and the case-law cited).

[13] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja ta' nhar l-10 ta' Novemebru 2016

33 Thus, as regards the wording of Article 6(1) of the Framework Decision, it should be noted that the words 'judicial authority', contained in that provision, **are not limited to designating only the judges or courts of a Member State, but may extend, more broadly, to the authorities required to participate in administering justice in the legal system concerned**.[14]

Illi, fir-rigward ta' dan l-argument, l-esponenti tagħmel referenza għal fol. 77, liema dokument ġie maħruġ mill-Ministeru tal-Ġustizzja ġewwa l-Isvezja u jikkonferma b'mod ċar li l-Awtorita' li ħarġet il-mandat ta' Arrest Ewropew fil-konfront ta' Mohan Bharwani hija awtorita' ġudizzjarja kompetenti ġewwa l-Isvezja sabiex toħroġ tali mandati. Għaldaqstant, la darba inġabet konferma mill-awtoritajiet Svedizi rigward il-kompetentza tal-awtorita in kwistjoni, tali konferma ma tistax tiġi rifjutata jew mpoġġija taħt skrutinju. Infatti, l-Qorti tal-Ġustizzja Ewropeja fil-każ **C-158/21**[15] irrimarkat li**:**

> "Article 1(1) and (2) and Article 6(1) of Framework Decision 2002/584 must be interpreted as meaning that the executing judicial authority **may not verify whether a European arrest warrant has been issued by a judicial authority which had jurisdiction for that purpose and refuse to execute that European arrest warrant where it considers that that is not the case.**" [16]

Illi fir-rigward **TAT-TIELET AGGRAVJU**, ir-rikorrent qiegħed iqajjem l-argument li parti mir-reat sar f'Malta.

Illi f'dan ir-rigward l-esponenti tirreleva li huwa minnhu li nħarġet Ordni ta' Investigazzjoni Ewropeja mill-awtoritajiet Svediżi u dan sabiex issir perkwiżizzjoni f'żewġ residenzi ta' Mohan Bharwani u jiġu elevati devices li jinstabu f'Malta. Madankollu, dan il-fatt bl-ebda mod ma jindika li parti mir-reati skedati twettqu hawn

---

[14] Enfasi tal-esponenti
[15] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja ta' nhar il-31 ta' Jannar 2023
[16] Enfasi tal-esponenti

Malta. Dan sempliċiment jindika li hawn Malta hawn evidenza relevanti għall-każ fl-Isvezja. Kif qalet ġustament l-Ewwel Qorti, a fol 172, *"...huwa ovvju għall-Qorti li kwalunkwe dokumenti u oġġetti li jista' talvotla jeħtieġ għall-attitavitajiet tiegħu jiżammu fil-postijiet fejn huwa jiffrekwenta ta' kuljum, fosthom id-dar. B'dan, pero', ma jfissirx li neċessarjament ir-reati twettqu, imqar f'parti, fil-Gżejjer Maltin."*

Illi jekk xejn, l-iskop wara l-ħruġ tal-Ordni tal-Investigazzjoni Ewropeja huwa sabiex l-pajjiż li qed imexxi l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-każ tiġbor evidenza li tinsab f'pajjiż ieħor u dan sabiex ikun jista jissaħħaħ il-każ, kif spiss isiru f'kawżi nostrani. Li kieku kull darba li tinħareġ Ordni ta' Investigazzjoni Ewropeja l-pajjiż li qed jesegwixxi tali ordni kellu jifhem li parti mir-reat sar fil-pajjiż tiegħu u għaldaqstant għandu ġurisdizzjoni, l-ebda esekuzzjoni ta' Ordni ta' Investigazzjoni Ewropeja ma tkun ta' suċċess għaliex l-iskop fundamentali tagħha jkun mitluf.

Illi fir-rigward tar-**<u>RABA' AGGRAVJU</u>**, ir-rikorrent qed iqajjem l-argument li l-appellant ser ikun soġġett għal trattament inuman u degradanti jekk jitreġġa' lura lejn l-Isvezja. Fir-rigward ta' dan l-argument l-esponent tissottometti li Qorti li mhijiex ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali, għalkemm għandha tikkunsidra u żżomm f'moħħha il-jeddijiet fundamentali tal-estradant, ma tista qatt tkun hi li tiddetermina lanjanza kostituzzjonali.

Illi din ma toħroġx biss mill-Ordni li tapplika għal dawn il-proċeduri u l-Att, imma wkoll mill-Kostituzzjoni ta' Malta stess li fl-Artikolu 46 tispeċifika liem qorti għandha tkun li tisma' u tiddeċiedi dawn it-tip ta' kawżi u dik hija l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili biss u l-ebda qorti oħra. Dan ma jfissirx li qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali jew qorti rimandanti jew kwalunkwe qorti oħra għandha tinjora drittijiet fundamentali imma ma tistax tkun hi li tiddeterminhom.

Illi f'każijiet bħal dawn, id-determinazzjoni tirrekjedi stħarriġ speċjalizzat li fis-sistema Maltija jista jsir biss minn qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali. Tant hu hekk li l-Ordni tobbliga lil Qorti Rimandanti li jekk tordna ċ-ċediment tal-persuna, tavża

lill-estradant bid-dritt tiegħu li jikseb rimedju Kostituzzjonali ai termini tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Għalhekk qatt ma setgħat tkun il-Qorti Rimandanti li tiddeċiedi jekk hemmx il-possibbilta' li l-estrandant jiġi soġġett għall-trattament inuman u degredanti għaliex dak ikun ifisser li dik il-Qorti tkun qed tmur kompletament ultra vires u tinjora mhux biss il-poteri li ttiha l-Liġi Sussidjara 276.05 imma wkoll dak li tistipola l-Kostituzzjoni stess kif ġa ġie spejgat.

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, sabiex l-argument tar-rikorrent jissussisti huwa kruċjali li jiġi muri li hemm riskju individwali li jirrelata direttament mal-akkużat. Għaldaqstant, ir-riskju waħdu mhux biżżejjed biex l-Istat Membru li qiegħed jesegwixxi l-Mandat ta' Arrest Ewropew jirrifjuta li jesegwixxi tali mandat. Dan kollu ġie ritenut f'diversi deċizjonijiet, fosthom **ML**[17] u **Dorobantu**[18] tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. [19]

**GĦALDAQSTANT**, għar-raġunijiet fuq premessi u għal dawk li l-esponenti tirriżerva li tressaq fl-istadju tat-trattazzjoni orali tal-appell, l-esponenti hija tal-umli fehma li din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-aggravji kif miġjuba quddiemha mill-appellant Mohan Bharwani fl-intjier tagħhom u konsegwentament tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti bħala Qorti Rimandanti fis-sitta u għoxrin (26) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) fejn ordnat it-treġġigħ lura tal-appellant Mohan Bharwani lejn l-Isvezja.

Ikkunsidrat,

Illi jkun opportun f'dan l-istadju bikri ta' dan l-appell ghal dak li nghad ricentement minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs Daniel Jo Meli</u>**[20] li:

---

[17] C-220/18 PPU, 25 ta' Lulju 2018
[18] [GC], C-128/18, 15 t' Ottubru 2019
[19] Liema sentenzi ssir referenza għalihom fis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti per. Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera tas-17 t'Ottubru 2022 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Ledjon Brakaj.
[20] Deciza fis-27 ta' Frar, 2024.

*'... proċeduri ta' estradizzjoni li huma proċeduri ta' natura penali kondotti quddiem il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali. Proċediment ta' estradizzjoni jiġi mmexxi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, iżda li għall-fini tal-Att dwar l-Estradizzjoni hija riferita bħala l-Qorti Rimandanti, bi dritt ta' appell, skont fejn huwa previst mil-liġi, lill-Qorti tal-Appell Kriminali.'*

*Fil-fatt fis-sentenza mogħtija fit-23 ta' Lulju 2001 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Ronald Agius</u>** (Numru 109/2001) din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:*

*"Ikun opportun qabel xejn li jiġu preċiżati ċerti punti. Il-proċeduri ta' estradizzjoni fil-liġi tagħna, ċioè dawk il-proċeduri li jibdew quddiem il-qorti rimandanti u li jistgħu jitkomplew quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (bħalma qed jiġri f'dan il-każ) ma humiex proċeduri li fihom persuna tiġi imputata jew akkużata b'reat. Persuna ma tinġiebx quddiem il-qorti rimandanti u, jekk ikun il-każ, quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, sabiex tiġi "ġġudikata" dwar xi reat; fi proċeduri ta' estradizzjoni ma hemm ebda "criminal charge" x'tiġi "determined"; il-proċeduri ta' estradizzjoni huma intiżi biss sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx il-presupposti fattwali u formali skond il-liġi (inkluża l-Kostituzzjoni – Art. 43) sabiex it-talba ta' pajjiż barrani għat-treġġigħ lura lejn dak il-pajjiż ta' persuna partikolari tintlaqa' (ara **Colin John Trundell v. Onorevoli Ministru ta' l-Affarijiet Barranin et**. Qorti Kostituzzjonali, 12 ta' April, 1991; **<u>Anthony Satariano v. L-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija</u>** Prim Awla tal-Qorti Ċivili, 15 ta' Lulju, 1997; ara wkoll l-Artikolu 15(3) tal-Kap. 276). Addirittura l-ordni għat-treġġigħ lura lejn il-pajjiż li jkun għamel it-talba anqas jingħata jew jinħareġ minn qorti iżda mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja (Art. 21, Kap. 276). Ikun biss jekk dik il-persuna tiġi mibgħuta lura lejn dak li pajjiż li hija tiġi, f'dak il-pajjiż, akkużata b'reat u proċessata għal dak ir-reat jew,*

*jekk it-talba tkun saret minħabba li dik il-persuna tkun "unlawfully at large" (ara l-Artikoli 3 u 6 tal-Kap. 276), hija tibda, f'dak il-pajjiż, tiskonta s-sentenza li tkun preċedentement ingħatatilha f'dak il-pajjiż.*

*Isegwi, għalhekk, li l-proċeduri ta' estradizzjoni quddiem il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali – il-qorti rimandanti u, jekk ikun il-każ, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali – huma proċeduri sui generis, regolati b'liġi speċjali, fil-kaz tagħna l-Att dwar l-Estradizzjoni, Kap. 276. Ċertament mhux applikabbli għal proċeduri ta' estradizzjoni l-Artikolu 5 tal-Ordinanza dwar it-Tifsir tal-Pieni (Kap. 23), peress li din il-liġi tirrigwarda biss reati li huma ġudikabbli mill-qrati Maltin u hi limitata għal kwistjonijiet ta' piena ghal tali reati (kif jidher ċar mill-Artikolu 2 tal-imsemmija Ordinanza). Id-disposizzjonijiet tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Kriminali (Liġijiet ta' Proċedura Kriminali) huma applikabbli għal proċeduri ta' estradizzjoni fil-limiti ta' dak li jistabilixxi l-Att dwar l-Estradizzjoni. Hekk, per eżempju, il-kompitu inizjali tal-eżami tat-talba għat-treġġigħ lura ġie mħolli mill-imsemmi Att f'idejn "il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti ta' kumpilazzjoni"; din il-qorti ġiet mogħtija isem partikolari – "qorti rimandanti"; u ġie ukoll espressament provvdut li din il-qorti "għandu jkollha għall-finijiet tal-proċedimenti skond dan l-artikolu l-istess setgħat, safejn jista' jkun, magħduda s-setgħa li tibgħat f'kustodja jew teħles mill-arrest bi pleġġ, kif l-imsemmija qorti għandha meta tkun kostitwita kif intqal qabel". Minn dana jidher ċar li l-qorti rimandanti, għalkemm għandha s-setgħat (safejn dawn huma kompatibbli mal-proċeduri ta' estradizzjoni) ta' Qorti Istruttorja, ma tikkonduċix istruttorja kif jipprovdi l-Kodiċi Kriminali, iżda għandha funzjoni u kompitu speċjali moghti lilha proprju taħt u skond il-Kap. 276. Infatti, li kieku l-qorti rimandanti kellha tiġi ekwiparata għal kollox mal-Qorti Istruttorja, ma kienx ikun hemm id-dritt ta' appell lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Il-Kap. 276, invece, u a differenza ta' dak li jipprovdi l-Kodiċi Kriminali fir-rigward ta' deċiżjonijiet tal-Qorti Istruttorja, speċifikatament*

*jagħti dritt ta' appell ġenerali kemm lill-persuna li tkun mibgħuta taħt kustodja mill-qorti rimandanti għall-finijiet ta' treġġigħ lura (Art. 18, Kap. 276) kif ukoll, f'każ li d-deċiżjoni tal-qorti rimandanti tkun li t-treġġigħ lura ma jistax isir, lill-Avukat Ġenerali (Art. 19). Minn dan kollu jidher ċar li l-mod li l-leġislatur Malti ried li jiġu trattati l-proċeduri ta' estradizzjoni, sia quddiem l-ewwel qorti – il-qorti rimandanti – kif ukoll quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, hu differenti minn kif jiġu trattati kawżi fejn persuna tkun imputata jew akkużata b'reat quddiem xi waħda mill-qrati tagħna."*

Illi ssir referenza wkoll ghal dak li nghad obiter ghas-sentenza ta' din il-Qorti hekk kif ippreseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ledjon Brakaj**[21] fejn inghad is-segwenti:

*'Proceduri bhal din li ghandha quddiemha din il-Qorti, huma proceduri partikolari hafna ghaliex jirrigwardjaw il-Mandat t'Arrest Ewropew. Il-Mandat t'Arrest Ewropew ha post l-estradizzjoni bejn l-Istati Membri u dan ghaliex il-hsieb warajh kien li jinholoq mekkanizmu mhux ibbazat fuq process politiku izda fuq process gudizzjarju msejjes fuq il-fiducja reciproka bejn l-Istati Membri u rrikonoxximent reciproku ta' decizjonijiet gudizjarji. Dan il-mandat huwa l-ewwel mizura konkreta fil-qasam tal-ligi kriminali li timplimenta l-principju ta' rikonoxximent reciproku li l-Kunsill Ewropew irrifera ghalih bhala 'cornerstone' of judicial cooperation.' Il-Principju wara l-Mandat t'Arrest Ewropew huwa li persuni li jezercitaw id-drittijiet taghhom ghall-moviment hieles bejn l-Istati Membri, huma mistennija li jirrispettaw il-ligijiet tat-territorju li jinsabu fih.'*

Ikkunsidrat,

[21] Deciza nhar is-17 t' Ottubru, 2022.

Illi **<u>fl-ewwel aggravju</u>**, id-difiza ssostni illi l-Ewwel Qorti kienet zbaljata li ttrattat l-appellant bhala persuna akkuzata fl-Izvezja u konsegwentament iddikjarat illi l-procedura tal-Mandat t'Arrest Ewropew kien applikabbli ghalih. Fil-fhema tad-difiza, stante li l-appellant ghadu mhux akkuzat bir-reati msemmija fil-formola tal- Mandat t'Arrest Ewropew, l-Ewwel Qorti messha cahdet it-talba ghall-hrug ta' dan il-mandat bil-konsegwenzjali li ma tordnax it-treggih lura tal-appellant lejn l-Izvezja. Id-difiza sostniet u ccitat fir-rikors tal-appell taghha dak li stqarr l-Ufficjal Svediz Vrethammar li riedu lill-appellant ghall-investigazzjoni bil-ghan li una volta' jkun fl-Izvezja *"by this point the suspects will know what offences are being hold against them and they can form their defence/request additional investigative measures accordingly"*. Izid jghid li *"only when pre-trial investigation is completed and all required investigative measure have been taken, an indictment can be submitted to the court."*[22]

L-Avukat Generali min-naha l-ohra, b'risposta ghal dan l-aggravju jsostni li l-interpretazzjoni tat-terminu "akkuzat", ma ghandiex tkun wahda limitata u restringenti. Il-procedura tat-treggigh lura hija procedura specjali u tineccesita li tinghata interpretazzjoni li tinkludi konsiderazzjonijiet ghal sistemi gudizzjarji li ghandhom tradizzjonijiet u proceduri legali differenti. Tispjega illi l-iskop wara l-hrug ta' Mandat t' Arrest Ewropew fil-konfront tal-appellant kien dak li jittregga lura lejn l-Izvezja ghall-finijiet ta' prosekuzzjoni kif stqarr il-prosekutur Zvediz Olof Vrethammar a fol. 120 u 121 tal-atti. Tghid li l-intenzjoni ta' dan il-prosekutur hu li una volta' l-appellant jigi mibghut l-Izvezja, huwa jigi formalment notifikat bl-akkuzi li ser ikunu qieghed jaffacja quddiem il-Qorti Zvediza.

Illi mill-atti jirrizulta s-segwenti:

1. Mill-ezami tal-Mandat t' Arrest Ewropew Dok RS1 fol. 5 tal-process jirrizulta bic-car illi fl-ewwel parti taghha u cioe' taht in-numru 4, l-awtoritajiet Zvedizi jridu lill-appellant sabiex iwiegeb ghar-reati ta' *gross tax* crime jew alternattivament *ghal aiding gross tax crime; gross commercial money laundering*

[22] Fol.3 tar-rikors tal-appell tal-appellant li ccita mill-ittra mahruga mis-*Senior Public Prosecutor* Olof Vrethammar datata 14 ta' Marzu, 2024, Dok SE2 Fol. 120 tal-atti.

*offence u gross money laundering offence*. Madankollu, meta l-istess awtoritajiet gew biex jimlew il-kaxxex ta' din il-formola, apparti r-reat tal-*proceeds of crime*, huma ttikjaw ukoll ir-reat ta' '*fraud, including that affecting the financial interest of the European Community within the meaning of the Convention of the 26th July 1995 on the protection of European Communities' financial interest's*. Dan jindika bic-car ghalhekk illi l-prosekuzzjoni Zvediza ghadha lanqas m'hi cara dwar liema huma l-akkuzi li talvolta jista' jwiegeb ghalihom l-appellant jekk hu jigi rimandat lejn l-Izvezja. A fol. 5 ta' dan il-mandat jinghad ukoll illi l-investigazzjoni ghadha ghaddeja.

2. Illi jirrizulta wkoll skond ma xehed l-Ispettur Shaun Friggieri illi huma kienu rcivew talba mill-*Swedish Economic Crime Unit* sabiex tinhareg ordni ta' perkwizizzjoni liema ordni harget tramite l-assistenza tal-Ufficju tal-EPPO mibghut lil EDP ta' Malta abbazi tal-Artikolu 628E tal-Kodici Kriminali u dan sabiex ifittxu ghal xi evidenza relatata ma reati li sehhew barra minn Malta. Ikkonferma wkoll illi hu fil-fatt huwa eleva numru ta' dokumenti bl-intenzjoni li jibghathom l-Izvezja. Dan ukoll hu ndikattiv illi l-investigazzjoni fil-konfront tal-appellant ghadha ghaddeja.

Illi ma hemmx dubbju ghalhekk li sa dan l-istadju l-appellant ghadu qed jigi nvestigat u ghalhekk f'dan l-istadju ghandu jigi meqjus li huwa suspettat.

Hawnhekk, ikun opportun li jigi citat is-subartikolu (4) tar-regolament 5 tal-L.S. 276.05 fejn qabel gie emendat permezz tal-Avviz Legali 421 tal-2013 datat 26 ta' Novembru, 2013:

*(4) Id-dkjarazzjoni hi wahda li –*

*(a) il-persuna li dwarha jinhareg il-mandat tkun akkuzata fil-pajjiz Skedat bl-ghemil ta' reat imsemmi fil-mandat, u*

*(b) il-mandat jinhareg bil-ghan ta' l-arrest u l-estradizzjoni tal-persuna lejn il-pajjiz skedat bil-ghan li jinbdew proceduri kontriha ghal dak ir-reat.*

Lejliet li gie introdott dan l-Avviz Legali, u cioe' nhar il-25 ta' Novembru, 2013 kienet inghatat sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Xavier Galea**[23] fejn kienet dahlet fil-fond dwar l-interpretazzjoni li ghandha tinghada dwar it-terminu "akkuzat". Illum il-gurnata mhux daqstant relevanti stante li t-talba ghall-estradizzjoni tista' ssir ghall-skop għall-finijiet tat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali. Infatti llum il-gurnata is-sub-regolament 5(4) tal-Ordni jaqra hekk:

*'(4) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (3)(a) hi waħda li l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat hija mfittxija fil-pajjiż skedat għall-finijiet tat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali għall-għemil ta' reat imsemmi fil-mandat.'*

Illi f'dan il-punt, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antonio Ricci**[24] fejn fiha kienet ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'The Police (Inspector Mario Cuschieri) v. Johan Germaine Corneille Van Oudenhove, son of Andre', born in Dendermonde, Belgium, on the 17th May, 1963, holder of Belgian identity card number 591-6053433-56'**[25] fejn gie kkunsidrat li:

*''The grievance which the appellant has brought to the attention of this Court is that essentially he has not been accused in the Belgian Courts of an offence but he is wanted solely and exclusively for the purposes of investigation of the crime of abuse of confidence under article 491 of the Belgian Criminal Code.*

*This Court as presided has already had the occasion to pronounce itself on such a circumstance. The judgement in question is reported above in the appeal application and there is no need to reproduce it hereunder.*

[23] Minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta.
[24] Deciza minn din il-Qorti hekk kif ippreseduta nhar l-14 ta' Gunju, 2019.
[25] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Novembru, 2016 (Appell numru 502/2016)

*It must be said that as a consequence of that judgement, within twenty-four hours Legal Notice 421 of 2013 was brought into force substituting section 5(4). The thrust of that judgement (**Il-Pulizija v. Michael Spiteri**, decided by this Court on the twenty-fifth day of November, 2013 - Appeal no. 447/2013) was that no person can be extradited unless he is accused of a crime. Extradition for the purposes of a simple investigation would not be granted. The current section 5(4) indicates that a European Arrest Warrant can be issued also* ***"...ghall-finijiet tat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali..."****.* ***The appellant is of the opinion that notwithstanding the change in the Legal Notice 320 of 2004 [L.S. 276.05] as amended by Legal Notice 421 of 2013 the substance of the issue has not changed. This means that if the appellant is wanted for the purposes of an investigation his extradition must not be granted by the Court.***

*On the other hand, the Prosecution is of the opinion that the law as amended must be given a very wide interpretation. It is of the opinion that a previous judgement by this Court (not as presided) must be upheld. The judgement in question is "**Il-Pulizija v. Philip Mifsud** decided on the 18th October, 2013. Consequently, even for investigative purposes the warrant must be executed against the appellant. This Court does not agree with the reasoning put forward by the Prosecution and is of the opinion that notwithstanding the latest amendment of the law the position remains unchanged in the sense that no extradition is to be granted for the purposes of a simple investigation where the person who is extradited does not enjoy the same safeguards enshrined in our Constitution, prior to being accused of a crime. If, on the other hand, the person to be extradited has already been accused in Court with his committing a crime then the extradition is to be granted. This would mean that the person would be charged in the Court of the requesting State and he would have to answer to such a charge or*

*charges.*

*The solution of this dilemma lies in a correct reading of the European Arrest Warrant which is in the records of this case. This is the next step to be undertaken which is of vital importance to a correct reading of a European Arrest Warrant. The simple fact that a warrant is requested is not enough. An in depth analysis is required. The first Court made an extensive use of the English case: In* ***Re Ismail of the 29th July, 2008****. This Court concurs with the construction of the concept of "accused" found in this judgement. However, the judgement highlights a certain uneasiness in applying that concept for an English Court to decide the issue when referring to a civil law jurisdiction. Consequently, this Court is of the opinion that great care must be taken and it may be also necessary in certain situations to depart from accepting and embracing this judgement without looking for other pointers to resolve the issue in question. This is why it is of the utmost importance to analyze the documentation which is sent by the requesting State. The fact that a European Arrest Warrant is requested does not render that request an order. The extraditing State must look most carefully at what is being requested and in terms of the documentation submitted must act according to its domestic safeguards to guarantee to the person being requested for extradition that its rights are being safeguarded just the same as a citizen of this State. This must be applied to all persons, be they citizens of this State or foreigners who happen to be on our soil.*

*The European Arrest Warrant is made up of several parts amongst which the information regarding the identity of the requested person. Naturally, this is a sine qua non condition for its validity. The fifth part of this warrant deals with the offence(s) which the requested person has to answer. In this particular case the explanation given is very extensive. As a matter of fact, it puts forward how it all began.*

*Secondly, the civil aspect of this case has been highlighted with the appellant leaving the Kingdom of Belgium on the same day that the Court of Appeal in Brussels delivered its judgement. What is interesting to note is that the Court ordered the appellant to return four cars which where the subject of this case along with a request for payment to plaintiff company. Moreover, the investigation which lead to the disappearance of these four cars is included in detail. [This is all found in the records of this case at folio 12 et seq., hence there is no need to reproduce what is found in those pages.] This leads this Court to conclude that the Belgian authorities have concluded their investigations and the return to the Kingdom Of Belgium of the appellant will lead to his being charged under article 491 of the Belgian Criminal Code.'*

Illi din il-Qorti tirikonoxxi l-fatt li persuna li qed tintalab it-treggija taghha ma ghandiex ghalfejn tkun akkuzata b'reati izda hu bizzejjed li l-persuna rikjesta tkun qed tigi mitluba ghall-finijiet tat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali, jigifieri ghal dawk il-proceduri kollha necessarji preliminari li ghandhom jew jistghu jwasslu ghall-prosekuzzjoni kriminali.

Illi li tkun *"wanted for the purposes of conducting a criminal prosecution"* ma tfisser xejn hlief li l-awtorita' gudizzjarja estera jidrilha li hemm **ragunijiet bizzejjed biex b' *mod formali* jimputalek certi reati.**

B'mod formali ghaliex, xi jfisser? Ifisser li mhux bizzejjed li l-pulizjia ghall-argument sempliciment jghidu li int halliel, b' mod vag – hawnhekk din ma twassalx ghal xi forma ta' imputazzjoni. Izda b' imputazzjoni formali infissru li int trid twiegeb ghal certi reati u cioe` l-imputazzjoni b'mod formali li inti tinhtieg tirrispondi ghal reati specifici li gejt imputat bihom minn awtorita' gudizzjarja. Dan hu li tfisser *"wanted for prosecution"* fl-ambitu tal-ligi dwar l-estradizzjoni. F'dan il-kaz jinghad li l-appelant qed jigi mitub iwiegeb ghal reati konnessi ma hasil ta' flus u ta' frodi relatat mat-taxxa.

Ghaldaqstant, dan l-aggravju qed jigi michud.

Illi permezz ta' nota pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar id-9 t' April, 2024, l-appellant qajjem aggravju iehor u cioe' li hemm ostaklu iehor ghat-treggih lura tal-appellant u dik ibbazata fuq lis-specjalita' ai termini tar-regolament 13(1A) ta' S.L. 276.05 li tipprovdi hekk:

> *'(1A) Jekk il-qorti tkun meħtieġa tipproċedi skont dan l-artikolu,hija tista' tirrifjuta li teżegwixxi t-treġġigħ lura tal-persuna lejn il-pajjiż skedat jekk it-treġġigħ lura ikun ipprojbit minħabba:*
>
> *...*
>
> *(b) speċjalità'*

Fil-**Handbook on how to issue and execute a European arrest warrant,** (2017/C 335/01) mahrug mill-Kummisjoni Ewropeja u ppublikat fl-Official Journal of the European Union[26] hemm provdut:

> *2.6. **Rule of speciality — possible prosecution for other offences***
>
> *In general, a person surrendered may not be prosecuted, sentenced or otherwise deprived of his or her liberty for an offence committed prior to the surrender other than that for which the person was surrendered. **This is the rule of speciality, set out in Article 27 of the Framework Decision on EAW**.*
>
> *The rule of speciality is subject to a number of exceptions. The Framework Decision on EAW gives a possibility to Member States to notify that, in their relations with other Member States that have given the same notification, they renounce the rule of speciality, unless in a particular case the executing judicial authority states otherwise in its decision on surrender (see Article 27(1) of the Framework Decision on*

[26] 6.10.2017

*EAW). According to the information available to the Commission only Estonia, Austria and Romania have sent such notifications'*

**F' C-388/08 PPU - Leymann and Pustovarov**[27] wara referenza ghal *preliminary ruling* minn Korkein oikeus – Finland saret riferenza estensiva kif il-bazi ghar-*rule of specialty* tinsab fl-artikolu 27 tad-Decizjoni Kwadru, ossia 'l-Arrangament' kif definit bl-Ordni:

35 *On 28 May 2008, Mr Leymann and Mr Pustovarov were given leave to appeal to the Korkein oikeus (Supreme Court) on the question whether the specialty principle in the national legislation transposing* ***Article 27(2)*** *of the Framework Decision precluded them from being prosecuted for the serious narcotics offence, relating to hashish, committed between 15 and 26 February 2006.*

*Questions referred for a preliminary ruling*

36 *In those circumstances, the Korkein oikeus decided to stay the proceedings and to refer the following questions to the Court for a preliminary ruling:*

*'(1) How must the expression "offence … other than that for which he or she was surrendered", used in <u>Article 27(2) of the Framework Decision</u>, be interpreted and, more specifically, what criteria are decisive in assessing whether the description of the offence on which the prosecution is based differs so much from the description of the offence on which the surrender was based that it must be regarded as an "other" offence within the meaning of Article 27(2), with the result that any prosecution requires consent in accordance with Article 27(3)(g) and (4)?*

[27] Judgment of the Court (Third Chamber) of 1 December 2008.

(2) *Must Article 27(2) of the Framework Decision be interpreted as meaning that the consent procedure referred to in Article 27(3)(g) and (4) is to be applied in a situation where both the arrest warrant and the final prosecution were based on a (serious) narcotics offence but the description of the offence was subsequently altered so that the prosecution concerned a different kind of narcotics from that referred to in the arrest warrant?*

(3) *How must Article 27(2) of the Framework Decision – according to which a person surrendered may not be prosecuted, sentenced or otherwise deprived of his or her liberty for another offence – be interpreted, in relation in particular to the consent procedure referred to in Article 27(4) and taking into account Article 27(3)(c), under which the specialty rule does not apply if the criminal proceedings do not give rise to the application of a measure restricting personal liberty?*

(a) *In cases which fall within the scope of the consent procedure, must the abovementioned provisions be interpreted as meaning that they do not preclude prosecution being brought, proceedings conducted or judgment given in relation to the offence in question before consent is received, provided that the person under suspicion does not suffer a deprivation or restriction of liberty as a result of that suspicion?*

(b) *Of what relevance is it that the criminal proceedings associated with the restriction on liberty relate to several offences, one of which falls within the scope of the consent procedure? Must the abovementioned provisions be interpreted in that case as not precluding prosecution being brought, proceedings conducted or judgment given in relation to the offence for which consent is required, even before consent is received, despite the fact that the suspect's liberty has been restricted*

*in connection with the proceedings, where that restriction has a lawful basis because of other charges?'*

**… … … …**

*41 By its first question, the referring court asks, essentially, what the decisive criteria are which would enable it to determine whether the person surrendered is being prosecuted for an 'offence other' than that for which he was surrendered within the meaning of* ***Article 27(2) of the Framework Decision****, making it necessary to apply the consent procedure laid down in Article 27(3)(g) and 27(4).*

*42 It is clear from Article 1(1) and (2) of the Framework Decision and from recitals 5, 6, 7 and 11 in its preamble that the purpose of the Framework Decision is to replace the multilateral system of extradition between Member States with a system of surrender, as between judicial authorities, of convicted persons or suspects for the purpose of enforcing judgments or of criminal proceedings based on the principle of mutual recognition. The Framework Decision aims in particular to facilitate and accelerate judicial cooperation (see Case C-303/05 Advocaten voor de Wereld [2007] ECR I-3633, paragraph 28).*

*43* ***Article 27(2) of the Framework Decision lays down the specialty rule****, according to which a person who has been surrendered may not be prosecuted, sentenced or otherwise deprived of liberty for an offence committed prior to his or her surrender other than that for which he or she was surrendered.*

*44 That rule is linked to the sovereignty of the executing Member State and confers on the person requested the right not to be prosecuted, sentenced or otherwise deprived of liberty except for the offence for which he or she was surrendered.*

> *45 The Member States may waive the application of the specialty rule, in accordance with Article 27(1) of the Framework Decision. That rule is subject, moreover, to a number of exceptions, laid down in Article 27(3).'*

Ghalhekk mhemmx dubbju li hi d-Decizjoni Kwadru nfisha li tipprovdi, fl-artikolu 27 taghha, il-bazi legali ghall-arrangamenti bejn Stati membri dwar specjalita`. Dak l-artikolu gie transpost fl-Ordni bir-regolament 18 – ghal meta Malta hi l-*executing state* bhal fil-kaz in dezamina, u bir-regolament 69[28] meta Malta tkun l-issuing state u cioe` meta tkun hi li harget l-mandat t'arrest.

Illi kif diga gie ritenut jigi enfasizzat li l-ostakolu tal-ispecjalita' hu minsug mic-cirkostanzi kif deskritti fir-regolament 18 tal-Ordni. Rigward dan il-punt jinghad li l-estradant mhux korrett tenut kont li l-arrangament tal-ispecjalita' bejn Malta u l-Izvezja jinsab kristalizzatt fid-Decizjoni Kwadru tal-Mandat t'Arrest Ewropew. L-Artikolu 27 tal-istess Decizjoni Kwadru tipprovdi ghan-notifikazzjoni ta' Stati Membri sabiex jiddikjaraw jekk il-kunsens hux prezunt ghal aktar stharrig. Jirrizulta li min-notifikazzjoni li saret lis-Segretarju Generali tal-Kunsill tal-Ewropa datat 29 ta' Mejju, 2009 gewwa Brussell (notification number 10400/09) l-Izvezja ddikjarat illi l-kunsens taghha ma ghandux jigi prezunt. Dan ukoll incdentalment jirrifletti l-pozizzjoni Maltija mehudha permezz ta' notifikazzjoni li saret fis-16 ta' Settembru, 2004 (notification number 12438/04). Ghalhekk dan l-ostakolu msemmi fin-nota tal-appellant ma jissustix.

**<u>Fit-tieni aggravju</u>** tieghu l-appellant *in breve* qieghed jghid illi c-certifikat mahrug mill-Avukat Generali ma jikkonfermax li l-Awtorita' li harget il-Mandat t' Arrest Ewropew hija l-Awtorita' kompetenti kif rikjest mill-ligi. Illi l-Avukat Generali fir-risposta tieghu jiddikjara li ma jaqbilx ma tali aggravju u jzid jghid li tali certifikat

---

[28] Li jirrendi applikabbli ghall-proceduri fuq mandat t'arrest ewropew l-Artikolu 25 tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta.

hareg skont il-ligi.

Illi jirrizulta min-notifikazzjoni li saret mill-ambaxxatur permanenti tar-reprezentazzjoni tal-Izvezja lejn l-Unjoni Ewropea, Lars Danielsson datat 9 ta' Frar 2017 (notification number 6122/17) li ghan-nom tal-gvern Zvediz "*The Swedish Prosecution Authority is the competent authority within the meaning of Article 6(1) of the Council Framework Decision 2002/584/JHA of 13th June 2022 on the European Arrest Warrant and the Surrender Procedures between Member States in cases were Sweden is the issuing State.*" Ghaldaqstant, kuntrarjament ghal dak li allegat id-difiza, ic-certifikat gmertu ta' dawn il-proceduri (Dok RS2) a fol. 16 tal-process, gie mahrug mill-awtorita' li ghandha funzjoni li tohrog mandate t'arrest fl-Izvezja.

F'dan l-istess aggravju d-difiza qed titlob l-isfilz tad-dokumenti pprezentati mill-Avukat Generali u dan skond l-Artikolu citat minnha u cioe' l-Artikolu 22 tal-Kap. 276. Jigi rilevat illi din it-talba wkoll qed tigi michuda ghaliex l-Artikolu tal-ligi li jirrelata mal-prezentar tad-dokumenti huwa r-regolament 73A tal-Ordni[29] u mhux l-Artikolu 22 sucitat. Dan stante li l-proviso tar-regolament 73A tal-Ordni jipprovdi li dokument li ma jkunx awtentikat kif imiss, jista' xorta jiġi riċevut bi prova oħra bħala prova fil-proċedimenti taħt dan l-Ordni.

**Fit-tielet aggravju**, d-difiza ssostni illi din il-Qorti ma ghandiex tilqa' t-talba tat-treggija peress li parti mir-reat sar f'Malta. L-Avukat Generali jqajjem l-argument u jghid illi dan mhux minnu u l-fatt illi kien hemm Ordni t' Investigazzjoni Ewropea mill-Awtoritajiet Zvedizi sabiex issir perkwizizzjoni f'zewg residenti tal-appellant u jigu elevati *devices* li nstabu hawn Malta, ma jfissirx li parti mir-reat gie kommess hawn

[29] 3A. (1) Mandat taħt it-Taqsima II jista' jiġi riċevut bħala prova fil-proċedimenti taħt dan l-Ordni.
(2) Kull dokument ieħor maħruġ f'pajjiż skedat jista' jiġi riċevut bi prova jew bħala prova fil-proċedimenti taħt dan l-Ordni jekk dan ikun awtentikat kif imiss. Kull dokument bħal dan għandu jiġi trasmess kif provdut fl-artikolu 5(9).
(3) Dokument ikun awtentikat kif imiss jekk (u biss jekk) tapplika xi waħda minn dawn li ġejjin –
(a) jagħti x'tifhem li jkun iffirmat minn imħallef, maġistrat, xi awtorità ġudizzjarja oħra jew xi uffiċjal tal-pajjiż skedat;
(b) jagħti x'tifhem li jkun awtentikat bil-ġurament jew l-affermazzjoni ta' xi xhud:
Iżda s-subartikoli (2) u (3) ma jipprevjenux dokument li ma jkunx awtentikat kif imiss milli jiġi riċevut bi prova oħra bħala prova fil-proċedimenti taħt dan l-Ordni.

Malta kif del resto anke argumentat l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha. L-Avukat Generali huwa tal-fhema illi din il-perkwizizzjoni saret sabiex tingabar evidenza li tinsab f'pajjiz iehor sabiex isahhah il-prosekuzzjoni gewwa l-Izvezja.

Il-kaz fl-ismijiet **Director of Public Prosecutions v Stonehouse** [1978] AC 55 l-akkuzat gie mressaq il-Qorti u akkuzat li jipprova jottjeni propjeta' permezz ta' frodi billi ffabrika storja dwar mewt ta' persuna fl-ibhra ta' Miami, l-Amerka. L-att finali ikostitwixxa r-reat li sehh barra l-gurisdizzjoni tal-Qrati Ingliza izda gie ritenut li l-Qrati Inglizi kellhom gurisdizzjoni. Gie applikat dak li stqarr il-Professur Glanville Williams fl-artikolu tieghu "Venue and the Ambit of Criminal Law" (1965) 81 LQR 518 li huwa jsejjah *terminatory theory of jurisdiction*. Lord Diplock a fol 66 qal:

> "*The basis of the jurisdiction under the terminatory theory is not that the accused has done some physical act in England, but that his physical acts, wherever they were done, have caused the obtaining of the property in England from the person to whom it belonged.*"

*Lord Keith of Kinkel* a fol 93 jibbaza d-decizjoni tiegu fuq il-principju li reat hu kommess fil-gurisdizzjoni jekk l-effetti tal-att jirrizultaw f'dik il-gurisdizzjoni u jaghti s-segwenti ezempju:

> "*This would be the situation if a bomb or a letter sent from abroad were found anywhere within the jurisdiction. Its presence at that spot would be an intended effect of the act of despatching it. In my opinion it is not the present law of England that an offence is committed if no effect of an act done abroad is felt there, even though it was the intention that it should be. Thus if a person on the Scottish bank of the Tweed, where it forms the border between Scotland and England, were to fire a rifle at someone on the English bank, with intent to kill him, and actually did so, he would be guilty of murder under English law. If he fired with similar intent but missed his intended victim, he would be guilty of attempted murder under English law, because the presence of the bullet in England would be an intended effect of his act. But if he pressed the*

*trigger and his weapon misfired, he would be guilty of no offence under the law of England, provided at least that the intended victim was unaware of the attempt, since no effect would have been felt there."*

Illi minkejja li mill-atti processwali ma jirrizultax illi effettivament parti mir-reati li tal-volta ghandhom jigu attribwiti lill-appellant sehhew Malta, xorta wahda kieku kien hemm parti mir-reati li sehhew Malta, L-Izvezja wkoll kien ikollha l-gurisdizzjoni u dan in konformi mal-insenjament appena citat. Ghaldaqstant it-tielet aggravju wkoll qed jigi respint.

Illi fir-rigward **tar-raba' u l-ahhar aggravju**, l-appellant iqajjem l-argument li ser ikun suggett ghat-trattament inuman u degredanti jekk jitregga lura lejn l-Izvezja peress illi hemm problema serja ta' sovvraffollament gewwa c-centri ta' detenzjoni skond ir-rapport mahrug mill-Kunsill tal-Ewropa u jghid illi l-Ewwel Qorti kienet skoretta meta qieset li din il-problema hija biss limitata ghal tlett centri ta' detenzjoni. Fir-rigward ta' dan l-argument, l-Avukat Generali jsostni li minkejja li din il-Qorti m'hix tal-gurisdizzjoni kostituzzjonali u ghalhekk minkejja li xorta wahda ghandha tikkunsidra u zzomm f'mohha l-jeddijiet fundamentali tal-estradant ma ghandiex tkun hi li tiddetermina lanjanza kostituzzjonali.

Primarjament, din il-Qorti taghmel referenza ghal fatt illi r-ragunijiet ghar-rifjut bbazati fuq diskriminazzjoni, persekuzzjoni u l-piena tal-mewt thallew barra mit-test principali tad-Decizjoni Kwadru izda nzammu bhala kunsiderazzjonijiet sottostanti fil-Preambolu. Ir-raguni ghal dan mhux cara, madankollu dan hu bizejjed sabiex l-Istati Membri jiehdu hsieb jigarantixxu d-drittijiet fundamentali tal-akkuzat b' mod effettiv. Jista' jkun il-kaz illi dawn ma gewx inkluzi fit-test principali sabiex jipprekludu l-kaz ta' talbiet dwar id-drittijiet tal-bniedem milli jintuzaw sabiex jiprolungaw il-proceduri.

Huwa minnu li certu kundizzjonijiet gewwa cellel fil-habs jistghu jigu kkunsidrati li qed jiksru Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem kif gie deciz

f' ***Peers v. Greece***.[30] Referenza ssir ukoll ghas-sentenza tal-Grand Chamber tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza ***Muršić v. Croatia***[31] fejn gie ritenut illi it-trattament hazin ghandu jilhaq livell minimu ta' severita' jekk ghandu jaqa' fl-ambitu t' Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Meta jigu evalwati l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni jridu jigu meqjusa l-effetti kumulattivi ta' dawn il-kundizzjonijiet, kif ukoll l-allegazzjonijiet specifici maghmula mill-applikant. Il-perjodu li l-persuna ddum detenuta ghandu jittiehed ukoll in konsiderazzjoni. Oltre minn hekk specifikament fuq l-principju tal-*overcrowding* fic-cellel intqal hekk:

> *102. The Court notes that the relevant principles and standards for the assessment of prison overcrowding flowing from its case-law in particular concern the following issues: (1) the question of minimum personal space in detention under Article 3 of the Convention; (2) whether the allocation of personal space below the minimum requirement creates a presumption or leads in itself to a violation of Article 3 of the Convention; and (3) what factors, if any, could compensate for the scarce allocation of personal space.*
>
> *(i) The question of minimum personal space under Article 3*
>
> *(a) The relevant case-law*
>
> *103. The Court has stressed on many occasions that under Article 3 it cannot determine, once and for all, a specific number of square*

[30] QEDB, App nru. 28524/95 deciza nhar id-19 t'April, 2001 fejn kien intqal is-segwenti: '75. *Indeed, in the present case, the fact remains that the competent authorities took no steps to improve the objectively unacceptable conditions of the applicant's detention. In the Court's view, this omission denotes lack of respect for the applicant. The Court takes into account, in particular, that, for at least two months, the applicant had to spend a considerable part of each 24-hour period practically confined to his bed in a cell with no ventilation and no window, which would at times become unbearably hot. He also had to use the toilet in the presence of another inmate and be present while the toilet was being used by his cell-mate. The Court is not convinced by the Government's allegation that these conditions did not affect the applicant in a manner incompatible with Article 3. On the contrary, the Court is of the opinion that the prison conditions complained of diminished the applicant's human dignity and aroused in him feelings of anguish and inferiority capable of humiliating and debasing him and possibly breaking his physical or moral resistance. In sum, the Court considers that the conditions of the applicant's detention in the segregation unit of the Delta wing of Koridallos Prison amounted to degrading treatment within the meaning of Article 3 of the Convention.There has thus been a breach of this provision.'*

[31] QEDB, App nru. 7334/13 deciza nhar l-20 t'Ottubru, 2016.

*metres that should be allocated to a detainee in order to comply with the Convention. Indeed, the Court has considered that a number of other relevant factors, such as the duration of detention, the possibilities for outdoor exercise and the physical and mental condition of the detainee, play an important part in deciding whether the detention conditions satisfied the guarantees of Article 3 (see **Samaras and Others**, cited above, § 57; **Tzamalis and Others**, cited above, § 38; and **Varga and Others**, cited above § 76; see further, for instance, **Trepashkin v. Russia**, no. 36898/03, § 92, 19 July 2007; **Semikhvostov v. Russia**, no. 2689/12, § 79, 6 February 2014; **Logothetis and Others v. Greece**, no. 740/13, § 40, 25 September 2014; and **Suldin v. Russia**, no. 20077/04, § 43, 16 October 2014).*

*104. Nevertheless, extreme lack of space in prison cells weighs heavily as an aspect to be taken into account for the purpose of establishing whether the impugned detention conditions were "degrading" within the meaning of Article 3.*

*105. In a substantial number of cases when the allocation of space to a detainee in multi-occupancy accommodation fell below 3 sq. m, the Court found the overcrowding so severe as to justify the finding of a violation of Article 3 (see the cases cited in **Orchowski**, cited above, § 122; **Ananyev and Others**, cited above, § 145; and **Varga and Others**, cited above, § 75).*

*106. When inmates appeared to have at their disposal personal space measuring between 3 and 4 sq. m the Court examined the (in)adequacy of other aspects of physical conditions of detention when making an assessment under Article 3. In such instances a violation of Article 3 was found only if the space factor was coupled with other aspects of inappropriate physical conditions of detention related to, in*

*a particular context, access to outdoor exercise, natural light or air, availability of ventilation, adequacy of heating arrangements, the possibility of using the toilet in private, and compliance with basic sanitary and hygienic requirements (see **Orchowski**, cited above, § 122; **Ananyev and Others**, cited above, § 149; **Torreggiani and Others**, cited above, § 69; **Vasilescu**, cited above, § 88; and **Varga and Others**, cited above, § 78; see also, for example, **Jirsák v. the Czech Republic**, no. 8968/08, §§ 64-73, 5 April 2012; **Culev v. Moldova**, no. 60179/09, §§ 35-39, 17 April 2012; **Longin**, cited above, §§ 59-61; and **Barilo v. Ukraine**, no. 9607/06, §§ 80-83, 16 May 2013).*

*107. In the above-mentioned pilot and leading judgments the Court has fixed for its assessment the relevant minimum standard of personal space allocated to a detainee in multi-occupancy accommodation at 3 sq. m of floor surface (see **Orchowski**, cited above, § 123; **Ananyev and Others**, cited above, § 148; **Torreggiani and Others**, cited above, § 68; **Vasilescu,** cited above, § 88; **Neshkov and Others**, cited above, § 232; **Samaras and Others**, cited above, § 58; **Tzamalis and Others**, cited above, § 39; **Varga and Others**, cited above, § 74; **Iacov Stanciu**, cited above, § 168; and **Mandić and Jović**, cited above, § 75). Moreover, in the Grand Chamber **Idalov** case (cited above, § 101), when finding a violation of Article 3 on account of inadequate conditions of the applicant's detention, the Grand Chamber noted, among other things, that "the applicant's detention [had not met] the minimum requirement, as laid down in the Court's case-law, of 3 square metres per person".*

*108. However, in a minority of cases the Court has considered that personal space of less than 4 sq. m is already a factor sufficient to justify a finding of a violation of Article 3 (see, inter alia, **Cotleț v. Romania** (no. 2), no. 49549/11, §§ 34 and 36, 1 October 2013; and **Apostu v.***

> ***Romania***, *no.* [*22765/12*](), *§ 79, 3 February 2015). This standard corresponds to the minimum standard of living space per detainee in multi-occupancy accommodation as developed in the practice of the CPT and recently elaborated in its policy document (see paragraph 51 above).*

Il-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kawzi konguntī fl-ismijiet ***Aranyosi and Căldăraru***[32] ghamlet referenza ghall-Artikolu 1(3) tad-Decizjoni Qafas tal-Mandat t'Arrest Ewropew fis-sens li meta jkun hemm indikazzjonijiet qawwija li l-kundizzjonijiet ta'detenzjoni fl-Istat Membru imittenti jiksru l-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja, l-Awtorita' gudizzjarja mitluba li tibghat l-akkuzat ghandha tirrifjuta li tibghat lura lill-akuzzat li fil-konfront tieghu jkun hareg mandat t'arrest Ewropew. L-Artikolu 4 sucitat jipprovdi li '*Hadd m'ghandu jkun assoggettat ghal tortura jew ghal pieni jew trattamenti inumani jew degradanti.*' Mid-decizjoni ta' ***Aranyosi and Căldăraru*** hareg dak l-hekk imsejjah **"*Aranyosi-test*"** fejn awtoritajiet gudizzjarji ta' Stati Membri li jridu jezegwixxu Mandat t'Arrest Ewropew ghandhom:

1. **Jaraw jekk hemmx riskju reali ta' trattament inuman jew degredanti minhabba l-kundizzjonijiet generali ta' detenzjoni fl-Istat Membru emittenti.** Dan jista' jsir billi jigu evalwati sentenzi domestici u Ewropew f'dan ir-rigward, kif ukoll jigu studjati rapporti u dokumenti ohra tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Gnus Maghquda;

2. **Fejn jigi identifikat riskju, issir valutazzjoni individwali sabiex tiddetermina l-probbabilta' tal-akkuzat li jkun espost ghal tali riskju.** L-Istati Membri li jkunu gew mitluba jezegwixxu Mandat t'Arrest Ewropew ghandhom jitolbu l-informazzjoni supplimentari mehtiega mill-Istat Membru emittenti dwar il-kundizzjonijiet fejn l-akkuzat ikun ser ikun detenut. Sussegwentament l-Istat emittenti jkun obbligat li jghaddi l-informazzjoni

[32] [GC], C-404/15 and C-659/15 PPU, 5 t' April 2016.

necessarja lil awtorita' gudizzjarja tal-Istat li jkun mistenni jezegwixxi l-mandat.

3. **Fl-ahhar net, skond x'jirrizulta, l-Istat Membru jiddeciedi ghandux jezegwixxi l-mandat *o meno*.**

Ir-riskju reali wahdu, minghajr riskju individwali li jirrelata direttament mal-akkuzat mhux sufficjenti sabiex l-Istat Membru ma jezegwix l-Mandat t-Arrest Ewropew. Dak kollu ritenut *supra* gie kkonfermat fid-decizjonijiet ***ML***[33] u ***Dorobantu***[34] tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea. Gie enfasizzat ukoll illi l-awtoritajiet gudizzjarji ta'ezekuzzjoni ma jistghux jeskludu riskju reali sempliciment ghaliex l-estradant ghandu rimedju legali fl-Istat emittenti li jippermettilu jikkontesta l-kundizzjonijiet tad-detenzjoni. Biza reali w individwali ma tistax tigi mwarrba minhabba kunsiderazzjonijiet relatati mal-effikacja tal-kooperazzjoni gudizzjarja.

Din il-Qorti sejra issa tghaddi sabiex ticcita l-appell fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Spiteri**[35] fejn anke isemmew il-kuncetti ta' *mutual* u *blind trust* li ssemmew diversi drabi waqt it-trattazjoni tad-difiza:

> *112. Huwa minnu li din is-sistema ġabet kritika minn diversi studjużi tad-Dritt fejn, kif qalet id-Difiża, il-kunċett ta' "mutual trust" ma għandux jiġi konfuż mal-kunċett ta' "blind trust" bejn l-Awtoritajiet Ġudizzjarji Ewropej. Iżda għalkemm dan huwa argument validu, mill-banda l-oħra jista' jkun argument li jekk jiġi interpretat b'ċertu mod jista' jġib fix-xejn il-kunċett sħiħ wara l-mandat t'arrest Ewropew innifsu. Kif semmiet id-Difiża hemm diversi kummentaturi li jikkritikaw din is-sistema minħabba li toffri sfidi għas-sistema ta' proċedura kriminali u ħarsien tal-jeddijiet tal-bniedem. Koen Leanerts,*

[33] C-220/18 PPU, 25 ta' Lulju 2018.
[34] [GC], C-128/18, 15 t' Ottubru 2019.
[35] Deciza nhar l-20 ta' Settembru, 2022 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

*ċitat mid-Difiża mhux l-uniku persuna li tikteb dwar dan is-suġġett.*[36] *Hemm diversi kummentaturi oħra li jaqsmu dak il-ħsieb. Wara kollox anke s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea Aranyosi u Căldăraru imsemmija iżjed il-fuq titratta wkoll, sa' ċertu punt, dan is-suġġett u wriet li fil-fatt din is-sistema ta' mandat ta' arrest Ewropew mhix kwistjoni ta' "blind trust". Imma huwa fatt innegabbli l-kunċett ta' "mutual trust" bejn l-Awtoritajiet Ġudizzjarji huwa wieħed b'saħtu ħafna f'din il-Liġi.*

…

*127. Kif issemma qabel, il-Liġi Ewropea dwar l-eżekuzzjoni tal-Mandat tal-Arrest Ewropew hija strument ħaj li għadu jevolvi u jiżviluppa. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fil-każijiet konġunti* ***Aranyosi u Căldăraru,***[37] *fetħet il-bieb għal dik li kummentaturi u ġuristi Ewropej qegħdin jirreferu għaliha bħala l-"fundamental rights defence",* ***li għalkemm mhix raġuni msemmija espliċitament fid-Deċiżjoni Kwadru bħala raġuni li fuqha l-istat Rikjedent għandu s-setgħa li jiċħad talba għal eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew, fil-prattika jekk ikunu jeżistu l-estremi msemmija f'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Istat Rikjest ingħata s-setgħa li ma jeżegwix il-mandat ta' arrest Ewropew***

---

*[36] In summary, the principle of mutual recognition is a constitutional principle that pervades the entire AFSJ. It is predicated on mutual trust between the Member States. It is only by sharing the same founding values of democracy, pluralism, respect for the rule of law and fundamental rights that EU citizens may move freely and securely in an area without internal frontiers. It is said that «[t]rust takes years to build, seconds to destroy and forever to repair». That is why I believe that both the EU and its Member States must be pro-active in strengthening mutual trust between national authorities, in particular, national judiciaries. This means that EU legislative measures that facilitate the application of the principle of mutual recognition must be accompanied by "trust-enhancing legislation". In the same way, the EU must prevent the emergence of "systemic deficiencies". To that effect, the new EU Framework to strengthen the Rule of Law put forward by the Commission appears to be an interesting initiative. Mutual trust must not be confused with "blind trust". The principle of mutual recognition must be applied in compliance with the principle of proportionality, must respect the margin of discretion left by the EU legislator to national authorities, and must take into account national and European publicpolicy considerations.- The Principle of Mutual Recognition in the Area of Freedom, Security and Justice; < http://www.dirittounioneeuropea.eu/principle-mutual-recognition-area-freedom-securityjustice> accessat 17/09/2022.*

*[37] Decizjoni tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea tal-5 t'April 2016, fejn gew maghqudin il-kazijiet C-404/15 Aranyosi u C-659/15 PPU, Căldăraru.*

***rispettiv.*** *Din is-sentenza naturalment qajmet polemiċi ġodda f'dan il-qasam in kwantu hemm min qiegħed jinterpretaha bħala bidla fid-direzzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea minn sentenzi preċedenti bħal* ***Melloni*** *jew mhux ukoll* ***Radu****. Din is-sentenza ġiet ukoll kritikata minħabba li għalkemm tagħmel sens fuq livell normattiv, mill-banda l-oħra ma tagħtix daqshekk każ tal-fatt li d-Deċiżjoni Kwadru timponi termini ta' żmien qosra biex fihom il-proċedura tal-mandat ta' arrest Ewropew tiġi eżegwita. Huwa minnu li f'dik l-istess sentenza, bħal ma intwera wkoll f'****Lanigan****, anke jekk dawn it-termini jkunu skadew, il-Qorti ta' eżekuzzjoni hija xorta waħda marbuta li tiddeċiedi l-każ. Il-kwistjoni taż-żmien tibqa' rilevanti tant li fis-sentenza li ġiet wara Aranyosi stess u ċjoe C-128/18* ***Dorobantu*** *deċiża fil-15 t'Ottubru 2019 il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea saħqet ukoll li fit-tip ta' stħarriġ li l-Qorti ta' eżekuzzjoni tkun trid tagħmel trid tieħu kont taż-żmien limitat li hemm provdut fl-artikolu 17 tad-Deċiżjoni Kwadru. Dan evidentement ma jippermettix stħarriġ tal-kundizzjonijiet tad-detenzjoni kollha b'mod ġenerali iżda jeħtieġ stħarriġ tal-post tad-detenzjoni fil-każ partikolari*

*…*

*133. F'sentenza oħra, l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-ismijiet* ***Generalstaatsanwaltschaft****, tiċċara li din il-preżunzjoni qawwija ta' ksur tal-Artikolu 3 Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tista' tiġi annullata biss jekk (a) iż-żmien tat-tnaqqis fl-ispazju personali minimu meħtieġ ta' 3 $m^2$ ikun qasir, okkażjonali u minuri, (b) tali tnaqqis ikun akkumpanjat minn biżżejjed libertà ta' moviment u attivitajiet adegwati barra ċ-ċella, (c) il-kundizzjonijiet ġenerali ta' detenzjoni fil-faċilità jkunu xierqa u ma jkunx hemm aspetti aggravanti tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni.*

*134. Il-Qorti tiċċita l-każ **<u>Melloni</u>**, fis-sens li l-persuna detenuta bis-saħħa ta' mandat ta' arrest Ewropew hija suġġetta biss għall-konformità mal-istandards minimi ta' kundizzjonijiet ta' detenzjoni li jirriżultaw mill-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u mhux ma' dawk li jirriżultaw mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni għaliex altrimenti l-prinċipji ta' fiduċja u rikonoxximent reċiproċi jiddgħajfu.*

**<u>Din il-Qorti taghmilha cara illi hija qorti ta'gurisdizzjoni kriminali u ghaldaqstant m'ghandiex seta' tiddeciedi dwar vertenzi ta' drittijiet tal-bniedem</u>**. Ghaldaqstant, din il-Qorti sejra terga' taghmel referenza ghas-sentenza ta' Spiteri hekk kif indikata *supra*, fejn gie ritenut is-segwenti:

*140. Talba għal stħarriġ tal-kundizzjonijiet tad-detenzjoni f'ħabs barrani minħabba biża ta' trattament jew pieni inumani jew degradanti tinvolvi stħarriġ speċjalistiku dwar allegat u potenzjali ksur tal-jeddijiet tal-bniedem. Fis-sistema legali Malti, l-Avukat Ġenerali għandha raġun targumenta li anke jekk ikunu marbuta mal-proċeduri tal-eżekuzzjoni tal-mandat t'arrest Ewropew,* ***la dik il-Qorti u l-anqas din ma jistgħu jistħarġu kwistjonijiet jew allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet tal-bniedem li jitnisslu minn dawk il-proċeduri jew mill-effetti jew il-konsegwenzi tagħhom; u dan mhux b'kapriċċ jew għax iridu jaħslu jdejhom, jew għax ma jagħtux każ il-jeddijiet tal-bniedem, iżda għax fis-sistema Malti l-kwistjonijiet li jolqtu allegazzjonijiet ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali huma deċiżi minn Qrati speċjali. Din il-konklużjoni mhix bażata biss fuq l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni Maltija, iżda wkoll fuq l-artikolu 16 tal-Att dwar l-Estradizzjoni (reż applikabbli għall-dawn il-proċeduri bis-saħħa tar-regolament 25 tal-Ordni). <u>Dan l-artikolu jgħid li meta tieħu deċiżjoni favur it-treġġigħ lura ta' persuna rikjesta</u>***

***fuq mandat t'arrest Ewropew il-Qorti Rimandanti hija obbligata li tinfurma lill-persuna rikjesta bid-dritt li hija għandha li, jekk ikun jidhrilha li xi wieħed mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 10(1)(2) tal-Att dwar l-Estradizzjoni ġie miksur jew jekk xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea hija, tkun ġiet, jew x'aktarx tkun sejra tiġi miksura dwar il-persuna tiegħu hekk li tkun ġustifikata rrevoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-kustodja tal-qorti, hija għandha jedd titlob rimedju skont l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew skont l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea skont il-każ. L-irwol ta' din il-Qorti imbagħad hija li tirrevedi dik id-deċiżjoni li tkun ittieħdet mill-Qorti tal-Maġistrati kif spjegat iżjed il-fuq.*** (enfasi ta' din il-Qorti)

L-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jistipula s-segwenti:

*46.(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6) u(7) ta' dan l-artikolu, kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġimiksura dwarha, jew kull persuna oħra li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'Malta tista' taħtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega,tista', bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju.*

*(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-*

*disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*

*Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta'rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra.*

*(3) **Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin), dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni.***

*(4) Kull parti fi proċeduri miġjuba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili skont dan l-artikolu jkollha dritt ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.*

*(5) Ma jkunx hemm appell minn xi deċiżjoni skont dan l-artikolu li xi talba jew it-tqanqil ta' xi kwistjoni tkun sempliċement frivola jew vessatorja.*

*(6) Jista' jsir provvediment bi jew skont Att tal-Parlament biex jiġu mogħtija lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili dawk is-setgħat b'żieda għal dawk mogħtija b'dan l-artikolu li jkunu meħtieġa jew mixtieqa sabiex*

*il-Qorti tkun tista' aktar effettivament teżerċita l-ġurisdizzjoni mogħtija lilha b'dan l-artikolu.*

*(7) Regolamenti tal-qorti li jipprovdu dwar il-prattika u proċedura tal-Qrati ta' Malta għall-finijiet ta' dan l-artikolu jistgħujiġu magħmula mill-persuna jew awtorità li għal dak iż-żmieni kollha setgħa li tagħmel regolamenti tal-qorti dwar il-prattika u proċedura ta' dawk il-Qrati, u għandhom ikunu maħsuba biex jiġiżgurat li l-proċedura għandha tkun b'rikors u illi s-smigħ għandujkun b'kull ħeffa possibbli*

L-appellant estradant setgha jitlob lil din il-Qorti ai termini l-Artikolu 16 tal-Att dwar l-Estradizzjoni u l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni sabiex issir referenza kostituzzjonali izda dan ma sarx. Din il-Qorti tiehu b'serjeta' kbira dawn it-tip ta' vertenzi li jikkoncernaw allegatament ksur tad-drittijiet tal-bniedem izda idejha jinsabu marbuta *stante* li kif diga' gie ritenut din il-Qorti m'ghandiex kompitu li tiddeciedi f'dan ir-rigward. L-obbligu impost fuq il-Qrati Kriminali bl-Artikolu 16 tal-Att dwar l-Estradizzjoni, rez applikabbli ghall-dawn il-proceduri bis-sahha tar-regolament 25 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05, kien ikun inutli, peress li **kieku kellhom dik is-setgha dak l-iskrutinju kienu jaghmluh huma stess u ma kienx ikun hemm il-htiega li jinfurmaw lill-persuna rikjesta bid-dritt taghha li tottjeni rimedji ulterjuri quddiem qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali.**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet sucitati, din il-Qorti qedgha tichad dan l-aggravju, dan pero bla pregudizzju ghal-lanjanzi li huwa qajjem fuq din il-materja b'rikors ad hoc quddiem il-Qrati Kostituzzjonali.

Ghal dawn il-motivi ghalhekk, din il-Qorti qedgha:

a) tichad l-aggravji mressqa mill-appellant estradant fit-totalita' taghhom;

b) tikkonferma d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti tas-26 ta' Marzu 2024 li ordnat il-konsenja ta' Mohan Bharwani lill-Awtoritajiet Gudizzjarji tal-Izvezja;

c) tordna li l-appellant Mohan Bharwani jinzamm taht arrest biex jistenna r-ritorn tieghu lejn L-Izvezja sabiex iwiegeb limitatament ghar-reati msemmija fil-Mandat t'Arrest Ewropew;

d) tordna li Mohan Bharwani ma jigix cedut qabel ma jiskadi l-perjodu mehtieg;

e) tinforma lil Mohan Bharwani li jekk huwa tal-fehma li xi dispozizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, hija, kienet jew x'aktarx li tigi miksura fir-rigward tal-persuna tieghu hekk li tkun gustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-kustodja tal-qorti, huwa ghandu jedd jitlob rimedju skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja skont il-kaz.

Consuelo Scerri Herrera
Imhallef